Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għas-Sajd

2025/0240(COD)

16.7.2026

OPINJONI

tal-Kumitat għas-Sajd

għall-Kumitat għall-Baġits, il-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

dwar proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għal koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali kif ukoll għall-agrikoltura u l-qasam rurali, għas-sajd u l-affarijiet marittimi, għall-prosperità u għas-sigurtà għall-perjodu 2028-2034 u li jemenda r-Regolament (UE) 2023/955 u r-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509
(COM(2025)0565 – C10-0179/2025 – 2025/0240(COD))

Rapporteur għal opinjoni: André Franqueira Rodrigues

PA_Legam

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Il-proposta tal-Kummissjoni għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss (2028–2034), b'mod partikolari permezz tal-istabbiliment tal-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali (PSNR), tirrappreżenta ristrutturar profond tal-mod kif jiġu ffinanzjati u implimentati l-politiki tal-Unjoni. Bl-integrazzjoni tas-sajd u tal-akkwakultura f'pakkett nazzjonali uniku u fil-biċċa l-kbira flessibbli, hemm riskju li l-proposta ddgħajjef il-viżibbiltà, il-koerenza u l-effettività tal-Politika Komuni tas-Sajd (PKS), li għadha kompetenza esklużiva tal-Unjoni.

Is-sajd u l-akkwakultura huma essenzjali għas-sigurtà tal-ikel, l-awtonomija strateġika u l-koeżjoni territorjali tal-Unjoni. Is-settur jappoġġja lir-reġjuni kostali, insulari u ultraperiferiċi, isostni lill-ekonomiji lokali u jikkontribwixxi għar-reżiljenza tal-Unjoni f'kuntest ġeopolitiku dejjem aktar inċert. Madankollu, il-proposta tal-Kummissjoni tnaqqas b'mod sinifikanti l-livell garantit ta' finanzjament meta mqabbel mal-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura (FEMSA) attwali, filwaqt li tħalli d-deċiżjonijiet dwar l-allokazzjonijiet fil-biċċa l-kbira f'idejn l-Istati Membri. Dan joħloq riskju reali li s-sajd u l-akkwakultura jingħataw anqas prijorità fil-livell nazzjonali. In-nuqqas ta' allokazzjoni ċara fi strumenti oħra tkompli timmina l-predittività u l-kapaċità fit-tul għall-investiment tas-settur.

F'dan l-isfond, din l-opinjoni għandha l-għan li tissalvagwardja l-integrità tal-PKS filwaqt li topera fl-istruttura ġenerali proposta mill-Kummissjoni. Din titlob li tiġi stabbilita allokazzjoni minima ċara, sinifikattiva u identifikabbli għas-sajd u għall-akkwakultura, biex tiżgura l-kontinwità mal-kapaċità attwali tal-Unjoni li tintervjeni u tipprevjeni r-rinazzjonalizzazzjoni *de facto* ta' politika komuni Ewropea.

Element ċentrali ta' dan l-approċċ huwa r-restawr tal-koerenza legali fil-qafas leġiżlattiv. Diversi dispożizzjonijiet li bħalissa huma inklużi fir-Regolament PSNR — b'mod partikolari dawk li jiddefinixxu interventi, rekwiżiti u regoli ta' implimentazzjoni speċifiċi għas-settur — joqogħdu b'mod aktar adattat fir-Regolament PKS. Għalhekk, l-emendi li jakkumpanjaw din l-opinjoni jidentifikaw, bl-użu tal-parentesi kwadri, id-dispożizzjonijiet li fundamentalment għandhom jiġu ttrasferiti fir-regolament settorjali tul il-proċess leġiżlattiv.

L-opinjoni tindirizza wkoll il-ħtiġijiet strutturali ewlenin tas-settur. Tingħata attenzjoni partikolari lir-reġjuni ultraperiferiċi, f'konformità mal-Artikolu 349 tat-TFUE, li jiddependu ħafna mis-sajd u mill-akkwakultura u jiffaċċjaw ostakli strutturali permanenti. Għalhekk, huwa essenzjali li jiġu żgurati pakketti apposta u appoġġ immirat għal dawn ir-reġjuni fil-qafas futur.

Barra minn hekk, l-opinjoni tintroduċi l-possibbiltà ta' suċċessjoni tal-bastimenti bħala miżura eliġibbli, u b'hekk tagħraf l-importanza tat-tiġdid ġenerazzjonali u l-ħtieġa li jinżammu flotot vijabbli u moderni. Titlob ukoll li jiġu inklużi pagamenti ta' kriżi għas-sajd u għall-akkwakultura, li jirriflettu l-istrumenti disponibbli f'setturi oħra, biex jiġi żgurat li s-settur ikun jista' jirrispondi b'mod effettiv għax-xokkijiet ekonomiċi, it-tfixkil fis-suq u l-isfidi ambjentali.

B'mod ġenerali, il-pożizzjoni tar-rapporteur hija ggwidata minn objettiv ċar: is-simplifikazzjoni u l-flessibbiltà ma jridux jinkisbu għad-detriment tal-Politika Komuni tas-Sajd. Is-sajd u l-akkwakultura jridu jibqgħu rikonoxxuti bis-sħiħ, iffinanzjati b'mod xieraq u rregolati bħala komponenti ewlenin tal-prijoritajiet strateġiċi tal-Unjoni, b'regoli ċari, b'riżorsi suffiċjenti u b'identità settorjali b'saħħitha.

EMENDI

Il-Kumitat għas-Sajd jippreżenta lill-Kumitat għall-Baġits, il-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali, bħala l-kumitati responsabbli, dan li ġej:

Emenda 1

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) L-Unjoni jeħtieġ li tilħaq l-objettivi tagħha f'kuntest ekonomiku, soċjali u demografiku diffiċli, inklużi d-disparitajiet reġjonali u territorjali persistenti, l-impatti tat-tibdil fil-klima ***u l-isfidi relatati mas-sigurtà*** tal-ikel ***u l-protezzjoni*** tan-natura, progress insuffiċjenti u mhux uniformi fit-trasformazzjoni diġitali tal-Unjoni, li jimminaw l-isforzi biex tissaħħaħ is-sovranità diġitali tal-Unjoni kif ukoll konsegwenzi ekonomiċi u soċjali sinifikanti. Dan ***flimkien*** ma' kuntest ġeopolitiku u ġeoekonomiku diffiċli li għandu impatt fuq il-politiki tad-difiża, tas-sigurtà (inkluża s-sigurtà ekonomika) u tal-migrazzjoni tal-Unjoni. L-indirizzar b'mod effettiv ta' dawn l-isfidi jirrikjedi baġit tal-Unjoni aktar iffukat, sempliċi u ta' impatt, biex jiġi żgurat il-valur miżjud tal-Unjoni u l-allinjament ċar bejn l-appoġġ finanzjarju tal-Unjoni u l-prijoritajiet ta' politika tal-Unjoni fl-oqsma ta' politika u l-modi ta' ġestjoni kollha u biex [jitkomplew l-isforzi biex] jiġu ssimplifikati r-regoli dwar l-appoġġ finanzjarju tal-Unjoni.	(7) L-Unjoni***, b'kunsiderazzjoni xierqa tal-prinċipju tas-sussidjarjetà u l-kompetenzi tal-Istat Membru,*** jeħtieġ li tilħaq l-objettivi tagħha f'kuntest ekonomiku, soċjali u demografiku diffiċli, inklużi d-disparitajiet reġjonali u territorjali persistenti, l-impatti tat-tibdil fil-klima***, il-ħtieġa li jiġu żgurati s-sigurtà*** tal-ikel***, il-protezzjoni*** tan-natura ***u l-kompetittività tas-settur primarju Ewropew***, progress insuffiċjenti u mhux uniformi fit-trasformazzjoni diġitali tal-Unjoni, li jimminaw l-isforzi biex tissaħħaħ is-sovranità diġitali tal-Unjoni kif ukoll konsegwenzi ekonomiċi u soċjali sinifikanti. Dan ***huwa kkombinat*** ma' kuntest ġeopolitiku u ġeoekonomiku diffiċli li għandu impatt fuq il-politiki tad-difiża, tas-sigurtà (inkluża s-sigurtà ekonomika) u tal-migrazzjoni tal-Unjoni. L-indirizzar b'mod effettiv ta' dawn l-isfidi jirrikjedi baġit tal-Unjoni aktar iffukat, sempliċi u ta' impatt, biex jiġi żgurat il-valur miżjud tal-Unjoni u l-allinjament ċar bejn l-appoġġ finanzjarju tal-Unjoni u l-prijoritajiet ta' politika tal-Unjoni fl-oqsma ta' politika u l-modi ta' ġestjoni kollha u biex [jitkomplew l-isforzi biex] jiġu ssimplifikati r-regoli dwar l-appoġġ finanzjarju tal-Unjoni***, bħala parti mill-isforzi li għaddejjin biex jitnaqqas il-piż***

amministrattiv.

Emenda 2

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Il-baġit tal-Unjoni, implimentat flimkien mal-Istati Membri, jenħtieġ, b'mod partikolari, ***li*** jipprevedi politika ta' koeżjoni u ta' tkabbir inklużiv imsaħħa u modernizzata li tikkontribwixxi għat-tnaqqis tad-disparitajiet reġjonali madwar l-Unjoni, tippromwovi l-iżvilupp sostenibbli u l-kompetittività tal-Unjoni, is-sovranità teknoloġika tagħha, it-trasformazzjoni diġitali tagħha, u s-sigurtà tagħha. Din il-politika jenħtieġ li tiġi elaborata fi sħubija mal-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali; u jenħtieġ li żżid ir-reżiljenza u l-preparatezza għat-tibdil fil-klima u tal-ilma b'objettiv ġenerali għall-azzjoni tal-Unjoni biex tħejji għar-riskji klimatiċi li qed jiżdiedu. ***Il-baġit tal-Unjoni jenħtieġ li jkompli jappoġġa PAK li tkun aktar sempliċi u mmirata li jkollha l-bilanċ korrett bejn l-inċentivi, l-investiment u r-regolamentazzjoni u tiżgura li l-bdiewa jkollhom introjtu ġust u suffiċjenti, attraenti għall-bdiewa żgħażagħ. Il-baġit tal-Unjoni jenħtieġ li jiżgura l-predittività meħtieġa għal politika komuni li tipprovdi appoġġ għall-introjtu.***	(9) Il-baġit tal-Unjoni, implimentat flimkien mal-Istati Membri, jenħtieġ ***li***, b'mod partikolari, jipprevedi politika ta' koeżjoni u ta' tkabbir inklużiv imsaħħa u modernizzata li tikkontribwixxi għat-tnaqqis tad-disparitajiet reġjonali madwar l-Unjoni, tippromwovi l-iżvilupp sostenibbli u l-kompetittività tal-Unjoni, is-sovranità teknoloġika tagħha, it-trasformazzjoni diġitali tagħha, u s-sigurtà tagħha***, inkluża s-sigurtà tal-ikel***. Din il-politika jenħtieġ li tiġi elaborata fi sħubija mal-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali; u jenħtieġ li żżid ir-reżiljenza u l-preparatezza għat-tibdil fil-klima***, tal-Oċeani*** u tal-ilma b'objettiv ġenerali għall-azzjoni tal-Unjoni biex tħejji għar-riskji klimatiċi li qed jiżdiedu.

Emenda 3

Proposta għal regolament
Premessa 9a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(9a) Il-baġit tal-Unjoni jenħtieġ li jkompli jappoġġa PAK li tkun aktar sempliċi u mmirata li jkollha l-bilanċ it-

tajjeb bejn l-inċentivi, l-investiment u r-regolamentazzjoni u li tiżgura li l-bdiewa jkollhom introjtu ġust u suffiċjenti, u attraenti għall-bdiewa żgħażagħ. Il-baġit tal-Unjoni jenħtieġ li jiżgura l-predittività meħtieġa għal politika komuni li tipprovdi appoġġ għall-introjtu.

Emenda 4

Proposta għal regolament
Premessa 9b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(9b) Il-baġit tal-Unjoni jenħtieġ li jkompli jappoġġa l-implimentazzjoni tal-Politika Komuni tas-Sajd (PKS) u l-objettivi tagħha permezz ta' approċċ immirat li jixpruna d-dekarbonizzazzjoni tas-settur, jippromwovi l-modernizzazzjoni u t-tiġdid tal-flotta, iheġġeġ it-tiġdid ġenerazzjonali u l-protezzjoni tal-ambjent tal-baħar, u jrawwem titjib tas-sikurezza u l-kundizzjonijiet tal-għajxien abbord. Għal dan il-għan, huwa meħtieġ li jiġi żgurat livell adegwat u prevedibbli ta' finanzjament li jippermetti li jsiru l-investimenti meħtieġa, filwaqt li jissalvagwardja s-sostenibbiltà ekonomika, soċjali u ambjentali tas-settur tas-sajd.

Emenda 5

Proposta għal regolament
Premessa 10a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(10a) Madankollu, jenħtieġ li tali flessibbiltà u simplifikazzjoni ma jwasslux għan-nazzjonalizzazzjoni tal-politiki Ewropej jew għaċ-ċentralizzazzjoni tal-ġestjoni tagħhom. Il-governanza f'diversi livelli u s-sħubija ġenwina mal-awtoritajiet reġjonali u lokali jenħtieġ li

	jiġu rrispettati bis-sħiħ, f'konformità mal-istrutturi kostituzzjonali interni tal-Istati Membri. Ir-reġjuni jenħtieġ li jingħataw is-setgħa li jmexxu t-tfassil u l-implimentazzjoni tal-kapitoli reġjonali obbligatorji fil-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali, u, fejn applikabbli, jenħtieġ li jiġi ggarantit id-dritt tar-reġjuni li jinteraġixxu direttament mal-Kummissjoni u li jaġixxu bħala awtoritajiet ta' ġestjoni. Jenħtieġ li jintlaħaq qbil dwar il-programmi ta' riforma u investiment fil-livell xieraq ta' gvern.

Emenda 6

Proposta għal regolament
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) F'konformità mal-Artikolu 177 tat-TFUE, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ***għandhom***, permezz ta' Regolamenti, jiddefinixxu l-kompiti, il-prijoritajiet, l-objettivi u l-organizzazzjoni tal-Fondi Strutturali, li jistgħu jinvolvu r-raggruppament tal-Fondi. Biex tiġi żviluppata implimentazzjoni aktar koordinata, armonizzata u effettiva tal-Fondi tal-Unjoni, jenħtieġ li dan ir-Regolament jipprevedi r-raggruppament ta' fondi allokati minn qabel fil-livell nazzjonali taħt il-Fond Ewropew għall-Prosperità u s-Sigurtà Sostenibbli Ekonomika, Territorjali, Soċjali, Rurali u Marittima ("il-Fond"). Il-Fond jenħtieġ li jiġi implimentat permezz ta' Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali (il-"Pjanijiet SNR, National and Regional Partnership Plans") u l-Faċilità tal-Unjoni ("il-Faċilità"), li għandha l-għan li żżid il-flessibbiltà u tindirizza kriżijiet mhux previsti u li tiffinanzja interventi li jikkomplementaw u jsaħħu l-Pjanijiet li jirrikjedu tmexxija jew koordinazzjoni fil-livell tal-Unjoni, kif ukoll appoġġ ta'	(11) F'konformità mal-Artikolu 177 tat-TFUE, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ***huma obbligati li***, permezz ta' Regolamenti, jiddefinixxu l-kompiti, il-prijoritajiet, l-objettivi u l-organizzazzjoni tal-Fondi Strutturali, li jistgħu jinvolvu r-raggruppament tal-Fondi. Biex tiġi żviluppata implimentazzjoni aktar koordinata, armonizzata u effettiva tal-Fondi tal-Unjoni, jenħtieġ li dan ir-Regolament jipprevedi r-raggruppament ta' fondi allokati minn qabel fil-livell nazzjonali taħt il-Fond Ewropew għall-Prosperità u s-Sigurtà Sostenibbli Ekonomika, Territorjali, Soċjali, Rurali u Marittima ("il-Fond"). Il-Fond jenħtieġ li jiġi implimentat permezz ta' Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali (il-"Pjanijiet SNR, National and Regional Partnership Plans") u l-Faċilità tal-Unjoni ("il-Faċilità"), li għandha l-għan li żżid il-flessibbiltà u tindirizza kriżijiet mhux previsti u li tiffinanzja interventi li jikkomplementaw u jsaħħu l-Pjanijiet li jirrikjedu tmexxija jew koordinazzjoni fil-livell tal-Unjoni, kif ukoll appoġġ ta'

politika bbażat fuq l-evidenza u addizzjonalità għall-mobilizzazzjoni tal-investiment privat.	politika bbażat fuq l-evidenza u addizzjonalità għall-mobilizzazzjoni tal-investiment privat. ***Sabiex jiġu evitati l-frammentazzjoni jew nazzjonalizzazzjoni mill-ġdid, jenħtieġ li l-Pjanijiet jżommu n-natura Ewropea tal-programmi.***

Emenda 7

Proposta għal regolament
Premessa 13b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(13b) Filwaqt li tista' tkun meħtieġa flessibbiltà fil-livell tal-Unjoni biex tirrispondi għall-kriżijiet u għall-prijoritajiet emerġenti, jenħtieġ li din ma twassalx għal ċentralizzazzjoni eċċessiva tar-riżorsi fil-livell tal-Unjoni. Ir-riżorsi finanzjarji allokati lill-Istati Membri taħt ġestjoni kondiviża jenħtieġ li jibqgħu l-mezz primarju għall-implimentazzjoni tal-politiki tal-Unjoni, inkluża l-Politika Komuni tas-Sajd, sabiex jiġu żgurati l-bilanċ territorjali, is-sjieda u t-twettiq effettiv, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà.

Emenda 8

Proposta għal regolament
Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) L-appoġġ lill-Istati Membri, lir-reġjuni u lill-komunitajiet lokali fit-twettiq tal-prijoritajiet ta' politika tal-Unjoni u l-massimizzazzjoni tal-effiċjenza tal-finanzjament tal-Unjoni jenħtieġ li jinkiseb, permezz tal-appoġġ għal miżuri ta' rilevanza għolja għall-Unjoni marbuta mal-isfidi l-aktar urġenti li jaffettwaw lill-Ewropa. Dawk l-isfidi jenħtieġ li jiġu indirizzati billi jiġu segwiti ħames objettivi ta' livell għoli: il-prosperità sostenibbli tal-	(14) L-appoġġ lill-Istati Membri, lir-reġjuni u lill-komunitajiet lokali fit-twettiq tal-prijoritajiet ta' politika tal-Unjoni u l-massimizzazzjoni tal-effiċjenza tal-finanzjament tal-Unjoni jenħtieġ li jinkiseb, permezz tal-appoġġ għal miżuri ta' rilevanza għolja għall-Unjoni marbuta mal-isfidi l-aktar urġenti li jaffettwaw lill-Ewropa. Dawk l-isfidi jenħtieġ li jiġu indirizzati billi jiġu segwiti ħames objettivi ta' livell għoli: il-prosperità sostenibbli tal-

Ewropa fir-reġjuni kollha; il-kapaċitajiet tad-difiża u s-sigurtà tal-Ewropa; l-appoġġ lill-persuni, it-tisħiħ tas-soċjetajiet Ewropej u l-mudell soċjali tal-Ewropa; ***is-sostenn*** tal-kwalità tal-ħajja tal-Ewropa; il-protezzjoni u t-tisħiħ tad-demokrazija, l-istat tad-dritt u r-rispett tal-valuri tal-Unjoni.	Ewropa fir-reġjuni kollha; il-kapaċitajiet tad-difiża u s-sigurtà tal-Ewropa; l-appoġġ lill-persuni, it-tisħiħ tas-soċjetajiet Ewropej u l-mudell soċjali tal-Ewropa; ***l-appoġġ għall-implimentazzjoni tal-PAK u tal-PKS u s-sostenn*** tal-kwalità tal-ħajja tal-Ewropa; il-protezzjoni u t-tisħiħ tad-demokrazija, l-istat tad-dritt u r-rispett tal-valuri tal-Unjoni.

Emenda 9

Proposta għal regolament
Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(16) Fil-qasam tal-kapaċitajiet ta' difiża u tas-sigurtà tal-Unjoni, il-miżuri jenħtieġ li jsaħħu l-bażi industrijali tad-difiża u l-mobbiltà militari tal-Unjoni u jsaħħu l-preparatezza, id-detezzjoni tat-theddid, il-protezzjoni tal-infrastruttura kritika tal-enerġija u tat-trasport u r-reżiljenza u r-rispons għall-kriżijiet tal-Unjoni, inkluż billi jsaħħu ċ-ċibersigurtà. Dan jenħtieġ li jinkludi miżuri għall-iżvilupp tal-infrastruttura tat-TEN-T b'użu doppju sabiex ikunu jistgħu jsiru movimenti fuq skala kbira ta' truppi u tagħmir u materjal tqil fi żmien qasir. Il-miżuri jenħtieġ li jkollhom l-għan ukoll li jiżguraw livell għoli ta' sigurtà fl-Unjoni, inklużi miżuri ta' integrazzjoni li jkunu konsistenti mal-objettivi stabbiliti fir-Regolament (UE) [...] dwar l-appoġġ tal-Unjoni għall-ażil inklużi l-protezzjoni sussidjarja, il-protezzjoni temporanja, il-migrazzjoni u l-integrazzjoni, ir-Regolament (UE) [...] dwar l-appoġġ tal-Unjoni għall-ġestjoni [integrata] tal-fruntieri Ewropej, inkluż il-funzjonament taż-żona Schengen u għall-politika Ewropea dwar il-viża, u r-Regolament (UE) [...] appoġġ tal-Unjoni għas-sigurtà interna.	(16) Fil-qasam tal-kapaċitajiet ta' difiża u tas-sigurtà tal-Unjoni, il-miżuri jenħtieġ li jsaħħu l-bażi industrijali tad-difiża u l-mobbiltà militari tal-Unjoni u jsaħħu l-preparatezza, id-detezzjoni tat-theddid, il-protezzjoni tal-infrastruttura kritika tal-enerġija u tat-trasport u r-reżiljenza u r-rispons għall-kriżijiet tal-Unjoni, inkluż billi jsaħħu ċ-ċibersigurtà. Dan jenħtieġ li jinkludi miżuri għall-iżvilupp tal-infrastruttura tat-TEN-T b'użu doppju sabiex ikunu jistgħu jsiru movimenti fuq skala kbira ta' truppi u tagħmir u materjal tqil fi żmien qasir. Il-miżuri jenħtieġ li jkollhom l-għan ukoll li jiżguraw livell għoli ta' sigurtà fl-Unjoni, inklużi miżuri ta' integrazzjoni li jkunu konsistenti mal-objettivi stabbiliti fir-Regolament (UE) [...] dwar l-appoġġ tal-Unjoni għall-ażil inklużi l-protezzjoni sussidjarja, il-protezzjoni temporanja, il-migrazzjoni u l-integrazzjoni, ir-Regolament (UE) [...] dwar l-appoġġ tal-Unjoni għall-ġestjoni [integrata] tal-fruntieri Ewropej, inkluż il-funzjonament taż-żona Schengen u għall-politika Ewropea dwar il-viża, u r-Regolament (UE) [...] appoġġ tal-Unjoni għas-sigurtà interna. ***L-iżgurar tas-sigurtà tal-Unjoni jenħtieġ li jinkludu wkoll id-dimensjoni tas-sigurtà tal-ikel, b'mod partikolari fir-rigward tal-prodotti tas-sajd***

u tal-akkwakultura. Dawn il-miżuri jenħtieġ li jiġu implimentati f'konformità sħiħa mad-dritt internazzjonali, b'mod partikolari l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar (UNCLOS), inkluża l-protezzjoni tad-drittijiet sovrani u tal-ġuriżdizzjoni tal-Istati Membri fuq iż-żoni marittimi tagħhom.

Emenda 10

Proposta għal regolament
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) Il-kwalità tal-ħajja sostenibbli tal-Unjoni jenħtieġ li tiġi appoġġata billi jiġi żgurat introjtu aktar ġust u suffiċjenti għall-bdiewa u l-kompetittività fit-tul tagħhom u billi jingħata kontribut għas-sigurtà tal-ikel fit-tul. L-objettivi ġenerali tal-Fond fir-rigward tal-PAK jenħtieġ li jiġu definiti fil-livell tal-Unjoni u implimentati mill-Istati Membri permezz tal-pjanijiet tagħhom. Il-miżuri jenħtieġ li jtejbu wkoll l-attraenza u l-istandards tal-għajxien fiż-żoni rurali u kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti u jrawmu t-tiġdid ġenerazzjonali; itejbu l-preparatezza u l-kapaċità tal-bdiewa li jlaħħqu mal-kriżijiet u r-riskji, itejbu l-aċċess għall-għarfien u l-innovazzjoni u jaċċelleraw it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali għal settur agroalimentari b'saħħtu. Il-miżuri jenħtieġ li jappoġġaw is-sostenibbiltà, il-kompetittività u r-reżiljenza tas-sajd tal-Unjoni u tas-settur tal-akkwakultura tal-Unjoni, jagħtu spinta lill-ekonomija blu sostenibbli u kompetittiva fiż-żoni kostali, insulari u interni, itejbu l-opportunitajiet soċjoekonomiċi u r-reżiljenza tal-komunitajiet lokali u jiżguraw governanza b'saħħitha tal-oċeani fid-dimensjonijiet kollha, ***b'oċeani sikuri,*** siguri, nodfa u ġestiti b'mod sostenibbli. Huma jenħtieġ li jsaħħu b'mod attiv l-azzjoni klimatika billi jippromwovu t-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-	(18) Il-kwalità tal-ħajja sostenibbli tal-Unjoni jenħtieġ li tiġi appoġġata billi jiġi żgurat introjtu aktar ġust u suffiċjenti għall-bdiewa***, għas-sajjieda u għall-produtturi tal-akkwakultura*** u l-kompetittività fit-tul tagħhom u billi jingħata kontribut għas-sigurtà tal-ikel fit-tul. L-objettivi ġenerali tal-Fond fir-rigward tal-PAK ***u tal-PKS*** jenħtieġ li jiġu definiti fil-livell tal-Unjoni u implimentati mill-Istati Membri permezz tal-pjanijiet tagħhom. Il-miżuri jenħtieġ li jtejbu wkoll l-attraenza u l-istandards tal-għajxien fiż-żoni rurali u ***kostali u*** kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti u jrawmu t-tiġdid ġenerazzjonali; itejbu l-preparatezza u l-kapaċità tal-bdiewa***, tas-sajjieda u tal-produtturi tal-akkwakultura*** li jlaħħqu mal-kriżijiet u r-riskji, itejbu l-aċċess għall-għarfien u l-innovazzjoni u jaċċelleraw it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali għal settur agroalimentari b'saħħtu. Il-miżuri jenħtieġ li jappoġġaw is-sostenibbiltà, il-kompetittività u r-reżiljenza tas-sajd tal-Unjoni u tas-settur tal-akkwakultura tal-Unjoni, ***irrawmu t-tiġdid ġenerazzjonali,*** jagħtu spinta lill-ekonomija blu sostenibbli u kompetittiva fiż-żoni kostali, insulari u interni ***u fir-reġjuni ultraperiferiċi***, itejbu l-opportunitajiet soċjoekonomiċi u r-reżiljenza tal-komunitajiet lokali u jiżguraw governanza b'saħħitha tal-oċeani

gassijiet serra, jappoġġaw l-isforzi ta' mitigazzjoni, u jiffaċilitaw l-adattament għall-impatti tat-tibdil fil-klima. Huma jenħtieġ li jsaħħu l-azzjoni klimatika, il-forniment tas-servizzi tal-ekosistema, l-appoġġ għall-ġestjoni u r-reżiljenza effiċjenti tal-ilma, it-tisħiħ tal-iżvilupp sostenibbli, il-ħarsien tal-ambjent, it-tisħiħ tal-konservazzjoni u r-restawr tal-bijodiversità u tar-riżorsi naturali, ***inkluża*** l-ħamrija, u t-titjib tal-benesseri tal-annimali. Biex jirrikonoxxu l-impatti klimatiċi pożittivi tal-bdiewa u biex jiffaċilitaw l-aċċess tagħhom għal inċentivi volontarji bbażati fuq is-suq, il-Kummissjoni u l-Istati Membri jkomplu jaħdmu fuq l-iżvilupp ta' metodoloġija tal-assorbiment tal-karbonju u l-istima tat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra miksub mill-PAK.

fid-dimensjonijiet kollha, ***kif ukoll jappoġġaw l-abitabbiltà sikura u mtejba abbord***, ***id-dekarbonizzazzjoni, il-modernizzazzjoni u t-tiġdid tal-flotta, oċeani*** siguri, nodfa***, b'saħħithom*** u ġestiti b'mod sostenibbli. Huma jenħtieġ li ***jappoġġaw ukoll l-interventi li għandhom l-għan li jikkoordinaw il-politiki tal-Unjoni biex jiġu protetti aħjar l-oċeani, tiġi promossa ekonomija blu b'saħħitha u jiġi appoġġat il-benesseri tan-nies li jgħixu fiż-żoni kostali. Huma jenħtieġ li*** jsaħħu ***wkoll*** b'mod attiv l-azzjoni klimatika billi jippromwovu t-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra, jappoġġaw l-isforzi ta' mitigazzjoni, u jiffaċilitaw l-adattament għall-impatti tat-tibdil fil-klima. Huma jenħtieġ li jsaħħu l-azzjoni klimatika, il-forniment tas-servizzi tal-ekosistema, l-appoġġ għall-ġestjoni u r-reżiljenza effiċjenti tal-ilma, ***l-eliminazzjoni tat-tniġġis tal-baħar u dak li joriġina mill-art,*** it-tisħiħ tal-iżvilupp sostenibbli, il-ħarsien tal-ambjent, it-tisħiħ tal-konservazzjoni u r-restawr tal-bijodiversità u tar-riżorsi naturali, ***inkluži l-ilma u*** l-ħamrija, u t-titjib tal-benesseri tal-annimali. Biex jirrikonoxxu l-impatti klimatiċi pożittivi tal-bdiewa u biex jiffaċilitaw l-aċċess tagħhom għal inċentivi volontarji bbażati fuq is-suq, il-Kummissjoni u l-Istati Membri jkomplu jaħdmu fuq l-iżvilupp ta' metodoloġija tal-assorbiment tal-karbonju u l-istima tat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra miksub mill-PAK.

Emenda 11

Proposta għal regolament
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) Il-Pjanijiet SNR jenħtieġ li jkomplu jappoġġaw l-iżvilupp ta' proġetti innovattivi, immexxija mill-partijiet ikkonċernati li jikkontribwixxu għall-	(19) Il-Pjanijiet SNR jenħtieġ li jkomplu jappoġġaw l-iżvilupp ta' proġetti innovattivi, immexxija mill-partijiet ikkonċernati li jikkontribwixxu għall-

prijoritajiet strateġiċi tal-UE, u b'hekk isaħħu r-reżiljenza u t-tmexxija ambjentali u klimatika tal-UE, filwaqt li jippreservaw ir-riżorsi naturali u l-bijodiversità tal-Unjoni li jirfdu l-benesseri u l-prosperità tagħna, filwaqt li jibnu fuq l-esperjenza tal-programm LIFE.	prijoritajiet strateġiċi tal-UE, ***billi jippromwovu u jiffaċilitaw il-parteċipazzjoni sinifikattiva ta' diversi gruppi ta' partijiet ikkonċernati matul it-tfassil, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-pjanijiet, inkluż permezz tal-involviment tas-sħab ambjentali, ekonomiċi u soċjali rilevanti u l-assoċjazzjonijiet li jirrappreżentaw is-soċjetà ċivili rilevanti, inklużi s-sajjieda fuq skala żgħira u rikreattivi u n-negozji innovattivi, u b'hekk jippromwovu d-diversità ta' approċċi innovattivi, isaħħu l-involviment pubbliku, il-fiduċja bejn diversi partijiet ikkonċernati, u s-sjieda,*** u b'hekk isaħħu r-reżiljenza u t-tmexxija ambjentali u klimatika tal-UE, filwaqt li jippreservaw ir-riżorsi naturali***, inklużi l-popolazzjonijiet tal-ħut,*** u l-bijodiversità tal-Unjoni li jirfdu l-benesseri u l-prosperità tagħna, filwaqt li jibnu fuq l-esperjenza tal-programm LIFE.

Emenda 12

Proposta għal regolament
Premessa 26

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(26) Il-Fond jenħtieġ li jiġi implimentat f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 202X/XXXX [ir-Regolament dwar il-prestazzjoni] li jistabbilixxi r-regoli għat-traċċar tan-nefqa u l-qafas ta' prestazzjoni għall-baġit, ***inklużi regoli biex tiġi żgurata applikazzjoni uniformi tal-prinċipji ta' "la tagħmilx ħsara sinifikanti" u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri msemmija fl-Artikolu 33(2), il-punti (d) u (f) tar-Regolament (UE), Euratom) 2024/2509 rispettivament,*** ir-regoli għall-monitoraġġ u r-rappurtar dwar il-prestazzjoni tal-programmi u l-attivitajiet tal-Unjoni, ir-regoli għall-istabbiliment ta' portal għall-finanzjament tal-Unjoni, ir-regoli għall-evalwazzjoni tal-programmi, kif ukoll dispożizzjonijiet orizzontali oħra	(26) Il-Fond jenħtieġ li jiġi implimentat f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 202X/XXXX [ir-Regolament dwar il-prestazzjoni] li jistabbilixxi r-regoli għat-traċċar tan-nefqa u l-qafas ta' prestazzjoni għall-baġit, ir-regoli għall-monitoraġġ u r-rappurtar dwar il-prestazzjoni tal-programmi u l-attivitajiet tal-Unjoni, ir-regoli għall-istabbiliment ta' portal għall-finanzjament tal-Unjoni, ir-regoli għall-evalwazzjoni tal-programmi, kif ukoll dispożizzjonijiet orizzontali oħra applikabbli għall-programmi kollha tal-Unjoni, bħar-regoli dwar l-informazzjoni, il-komunikazzjoni u l-viżibilità. Il-Fond jenħtieġ li jiżgura l-aċċessibbiltà, b'kont meħud tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, inkluża

applikabbli għall-programmi kollha tal-Unjoni, bħar-regoli dwar l-informazzjoni, il-komunikazzjoni u l-viżibilità. Il-Fond jenħtieġ li jiżgura l-aċċessibbiltà, b'kont meħud tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, inkluża l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità. Jenħtieġ li l-Fond ma jappoġġax azzjonijiet li jikkontribwixxu għal kwalunkwe forma ta' segregazzjoni, diskriminazzjoni jew esklużjoni, inkluż ta' komunitajiet razzjalizzati bħar-Rom, u, meta jiffinanzja l-infrastruttura, jenħtieġ li jiżgura l-aċċessibbiltà għall-persuni b'diżabilità.	l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità. Jenħtieġ li l-Fond ma jappoġġax azzjonijiet li jikkontribwixxu għal kwalunkwe forma ta' segregazzjoni, diskriminazzjoni jew esklużjoni, inkluż ta' komunitajiet razzjalizzati bħar-Rom, u, meta jiffinanzja l-infrastruttura, jenħtieġ li jiżgura l-aċċessibbiltà għall-persuni b'diżabilità.

Emenda 13

Proposta għal regolament
Premessa 29

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(29) Kull Stat Membru jenħtieġ li jissottometti lill-Kummissjoni Pjan SNR, bħala regola, sal-31 ta' Jannar 2028 sabiex ikun jista' jingħata konsiderazzjoni bir-reqqa u f'waqtha. Biex tiġi żgurata implimentazzjoni rapida tal-Fond, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jippreżentaw abbozz ta' Pjan SNR minn Ġunju 2027. L-Istati Membri jenħtieġ li jfasslu u jimplimentaw il-Pjanijiet SNR fi sħubija mal-awtoritajiet lokali u reġjonali, is-sħab ekonomiċi, soċjali ***u*** rurali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra f'konformità mal-qafas legali nazzjonali u r-regoli stabbiliti f'dan ir-Regolament. Il-Pjanijiet SNR jenħtieġ li jitfasslu f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni, jitħejjew f'konformità mal-mudell ipprovdut u jsiru disponibbli għall-pubbliku wara l-adozzjoni tagħhom mill-Kunsill abbażi tal-valutazzjoni tal-Kummissjoni u l-proposta għal deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kunsill. F'konformità mal-arranġamenti kurrenti, l-	(29) Kull Stat Membru jenħtieġ li jissottometti lill-Kummissjoni Pjan SNR, bħala regola, sal-31 ta' Jannar 2028 sabiex ikun jista' jingħata konsiderazzjoni bir-reqqa u f'waqtha. Biex tiġi żgurata implimentazzjoni rapida tal-Fond, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jippreżentaw abbozz ta' Pjan SNR minn Ġunju 2027. L-Istati Membri jenħtieġ li jfasslu u jimplimentaw il-Pjanijiet SNR fi sħubija mal-awtoritajiet lokali u reġjonali, is-sħab ekonomiċi, soċjali***,*** rurali***, tas-sajd, tal-akkwakultura u tal-komunità kostali u tal-ġejjer*** u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra f'konformità mal-qafas legali nazzjonali u r-regoli stabbiliti f'dan ir-Regolament. Il-Pjanijiet SNR jenħtieġ li jitfasslu f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni, jitħejjew f'konformità mal-mudell ipprovdut u jsiru disponibbli għall-pubbliku wara l-adozzjoni tagħhom mill-Kunsill abbażi tal-valutazzjoni tal-Kummissjoni u l-proposta għal deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kunsill.

Istati Membri ***se jkollhom il-possibbiltà*** li jinkludu kapitoli reġjonali u territorjali fil-Pjan SNR tagħhom u jenħtieġ li jkunu meħtieġa jiżguraw li l-awtoritajiet ta' ġestjoni reġjonali jirċievu pagamenti regolari, abbażi tal-progress tal-miżuri rispettivi tagħhom, u ammont tal-anqas ekwivalenti għall-kontribuzzjoni tagħhom tal-Unjoni sa tmiem il-perjodu, soġġett għal korrezzjonijiet potenzjali li jirriżultaw mill-implimentazzjoni tal-kapitolu/***i*** rispettiv***/i*** tagħhom. Biex tiġi żgurata governanza effettiva tal-Pjan SNR, l-Istati Membri jenħtieġ li jistabbilixxu kumitati ta' monitoraġġ għall-kapitoli u kumitat ta' koordinazzjoni fil-livell tal-Pjan SNR.	F'konformità mal-arranġamenti kurrenti, l-Istati Membri ***jenħtieġ*** li jinkludu kapitoli reġjonali u territorjali fil-Pjan SNR tagħhom ***f'konformità mal-oqfsa istituzzjonali tagħhom,*** u jenħtieġ li jkunu meħtieġa jiżguraw li l-awtoritajiet ta' ġestjoni reġjonali jirċievu pagamenti regolari, abbażi tal-progress tal-miżuri rispettivi tagħhom, u ammont tal-anqas ekwivalenti għall-kontribuzzjoni tagħhom tal-Unjoni sa tmiem il-perjodu, soġġett għal korrezzjonijiet potenzjali li jirriżultaw mill-implimentazzjoni tal-kapitolu/***kapitoli*** rispettiv***(i)*** tagħhom. Biex tiġi żgurata governanza effettiva tal-Pjan SNR, l-Istati Membri jenħtieġ li jistabbilixxu kumitati ta' monitoraġġ għall-kapitoli u kumitat ta' koordinazzjoni fil-livell tal-Pjan SNR.

Emenda 14

Proposta għal regolament
Premessa 30

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(30) Sabiex tiġi żgurata s-sjieda nazzjonali, l-Istati Membri li jkunu jixtiequ jirċievu appoġġ jenħtieġ li jissottomettu lill-Kummissjoni Pjanijiet SNR li jkunu debitament motivati u sostanzjati. Il-Pjan SNR jenħtieġ li jiddeskrivi fid-dettall kif jirrappreżenta kontribut komprensiv għall-objettivi kollha tal-Fond, b'kont meħud tal-isfidi nazzjonali, reġjonali u territorjali speċifiċi tal-Istat Membru kkonċernat. Huwa jenħtieġ li jinkludi wkoll spjegazzjoni ta' kif jikkontribwixxi biex jiġu indirizzati b'mod effettiv l-isfidi rilevanti speċifiċi għall-pajjiż identifikati, fost l-oħrajn, fil-kuntest tas-Semestru Ewropew u dokumenti rilevanti oħra adottati b'mod uffiċjali mill-Kummissjoni relatati mal-objettivi appoġġati mill-Fond, u kif jikkontribwixxi għat-tlestija tas-suq intern, b'mod partikolari billi jinkludi riformi, investimenti u interventi oħra b'dimensjoni transfruntiera,	(30) Sabiex tiġi żgurata s-sjieda nazzjonali, l-Istati Membri li jkunu jixtiequ jirċievu appoġġ jenħtieġ li jissottomettu lill-Kummissjoni Pjanijiet SNR li jkunu debitament motivati u sostanzjati. Il-Pjan SNR jenħtieġ li jiddeskrivi fid-dettall kif jirrappreżenta kontribut komprensiv għall-objettivi kollha tal-Fond, b'kont meħud tal-isfidi nazzjonali, reġjonali u territorjali speċifiċi tal-Istat Membru kkonċernat. Huwa jenħtieġ li jinkludi wkoll spjegazzjoni ta' kif jikkontribwixxi biex jiġu indirizzati b'mod effettiv l-isfidi rilevanti speċifiċi għall-pajjiż identifikati, fost l-oħrajn, fil-kuntest tas-Semestru Ewropew u dokumenti rilevanti oħra adottati b'mod uffiċjali mill-Kummissjoni relatati mal-objettivi appoġġati mill-Fond, u kif jikkontribwixxi għat-tlestija tas-suq intern, b'mod partikolari billi jinkludi riformi, investimenti u interventi oħra b'dimensjoni transfruntiera,

tranżnazzjonali jew multinazzjonali. Biex tissaħħaħ il-kompetittività tal-Unjoni f'setturi strateġikament importanti filwaqt li jiġi żgurat li l-kundizzjonijiet ekwi ma jiġux kompromessi, il-Pjanijiet SNR jenħtieġ li jinkludu proġetti transfruntiera u multinazzjonali, b'mod partikolari Proġetti Importanti ta' Interess Ewropew Komuni (IPCEIs) li jiffukaw jew fuq ir-riċerka, l-iżvilupp, l-innovazzjoni jew l-ewwel użu industrijali jew fuq il-kostruzzjoni ta' infrastruttura importanti miftuħa għall-użu minn partijiet terzi, filwaqt li jitqiesu, b'mod partikolari, l-analiżijiet ipprovduti fl-aħħar Rapport Annwali dwar is-Suq Uniku u l-Kompetittività. L-Istati Membri jenħtieġ li jikkonċentraw ir-riżorsi taħt il-Pjanijiet tagħhom biex inaqqsu d-disparitajiet ekonomiċi, soċjali u territorjali, b'mod partikolari fir-reġjuni inqas żviluppati. Huma jenħtieġ li jappoġġaw ukoll it-tiġdid ġenerazzjonali u l-miżuri soċjali u l-produzzjoni b'saħħitha tas-sajd u tal-akkwakultura.

tranżnazzjonali jew multinazzjonali. Biex tissaħħaħ il-kompetittività tal-Unjoni f'setturi strateġikament importanti filwaqt li jiġi żgurat li l-kundizzjonijiet ekwi ma jiġux kompromessi, il-Pjanijiet SNR jenħtieġ li jinkludu proġetti transfruntiera u multinazzjonali, b'mod partikolari Proġetti Importanti ta' Interess Ewropew Komuni (IPCEIs) li jiffukaw jew fuq ir-riċerka, l-iżvilupp, l-innovazzjoni jew l-ewwel użu industrijali jew fuq il-kostruzzjoni ta' infrastruttura importanti miftuħa għall-użu minn partijiet terzi, filwaqt li jitqiesu, b'mod partikolari, l-analiżijiet ipprovduti fl-aħħar Rapport Annwali dwar is-Suq Uniku u l-Kompetittività. L-Istati Membri jenħtieġ li jikkonċentraw ir-riżorsi taħt il-Pjanijiet tagħhom biex inaqqsu d-disparitajiet ekonomiċi, soċjali u territorjali, b'mod partikolari fir-reġjuni inqas żviluppati ***u dawk ultraperiferiċi***. Huma jenħtieġ li jappoġġaw ukoll it-tiġdid ġenerazzjonali u l-miżuri soċjali ***u l-komunitajiet kostali,*** u l-produzzjoni b'saħħitha tas-sajd u tal-akkwakultura.

Emenda 15

Proposta għal regolament
Premessa 31

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(31) Il-Pjan jenħtieġ li jiżgura l-komplementarjetà u s-sinerġiji bejn miżuri differenti li jappoġġaw oqsma ta' politika differenti u li huma mmirati lejn gruppi differenti ta' benefiċjarji. Dan huwa partikolarment importanti biex jiġi offrut rispons ta' politika komprensiv għall-iżvilupp ta' żoni rurali u kostali b'saħħithom u biex jiġu żgurati setturi agrikoli ***u*** tas-sajd vibranti. B'mod partikolari, l-Istati Membri huma mħeġġa jippromwovu dawn is-sinerġiji fit-tfassil tal-miżuri u l-kapitoli u fl-applikazzjoni tar-rati ta' kofinanzjament. Għal miżuri li jappoġġaw is-servizzi bażiċi u l-	(31) Il-Pjan jenħtieġ li jiżgura l-komplementarjetà u s-sinerġiji bejn miżuri differenti li jappoġġaw oqsma ta' politika differenti u li huma mmirati lejn gruppi differenti ta' benefiċjarji. Dan huwa partikolarment importanti biex jiġi offrut rispons ta' politika komprensiv għall-iżvilupp ta' żoni rurali u kostali b'saħħithom u biex jiġu żgurati setturi agrikoli***,*** tas-sajd ***u tal-akkwakultura*** vibranti. B'mod partikolari, l-Istati Membri huma mħeġġa jippromwovu dawn is-sinerġiji fit-tfassil tal-miżuri u l-kapitoli u fl-applikazzjoni tar-rati ta' kofinanzjament. Għal miżuri li jappoġġaw is-servizzi bażiċi

infrastruttura fiż-żoni rurali u kostali kif ukoll in-negozji rurali u kostali, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżviluppaw ippjanar integrat biex jiżguraw li l-komunitajiet rurali u kostali ***jkollhom*** aċċess għall-finanzjament permezz ta' mekkaniżmi xierqa, ***inklużi azzjonijiet ta' politika speċifiċi***; mekkaniżmi u strutturi ta' governanza biex jiġu kkoordinati l-programmazzjoni u l-implimentazzjoni ta' politiki tal-UE, nazzjonali, reġjonali u lokali, il-programmazzjoni ta' approċċi ta' finanzjament integrati lokalment u reġjonalment, b'kont meħud tal-kuntest u l-kapaċitajiet speċifiċi tal-benefiċjarji fil-mira, il-ħolqien ta' bini tal-kapaċitajiet immirat kemm lejn l-amministrazzjonijiet kif ukoll lejn il-benefiċjarji. Il-Pjan SNR jenħtieġ li jistabbilixxi s-sett dettaljat ta' miżuri u arranġamenti għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tiegħu, inkluż l-istabbiliment tal-awtoritajiet għall-Pjan SNR, il-kumitat ta' monitoraġġ u koordinazzjoni, il-kostijiet stmati ta' dawk il-miżuri u l-kontribuzzjoni u l-miżuri nazzjonali biex titjieb il-kwalità tal-governanza u tissaħħaħ il-kapaċità amministrattiva tal-amministrazzjonijiet pubbliċi. Jenħtieġ li titfittex u tinkiseb kooperazzjoni mill-qrib bejn il-Kummissjoni, l-Istati Membri u ***r-reġjuni*** tagħhom matul il-proċess kollu; jenħtieġ li jiġu inkoraġġiti t-tagħlim u l-esperimentazzjoni tal-politika.	u l-infrastruttura fiż-żoni rurali u kostali kif ukoll in-negozji rurali u kostali, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżviluppaw ippjanar integrat biex jiżguraw li l-komunitajiet rurali u kostali***, b'mod partikolari r-reġjuni ultraperiferiċi, ikollhom*** aċċess għall-finanzjament permezz ta' mekkaniżmi xierqa, ***effettivi u sempliċi***; mekkaniżmi u strutturi ta' governanza biex jiġu kkoordinati l-programmazzjoni u l-implimentazzjoni ta' politiki tal-UE, nazzjonali, reġjonali u lokali, il-programmazzjoni ta' approċċi ta' finanzjament integrati lokalment u reġjonalment, b'kont meħud tal-kuntest u l-kapaċitajiet speċifiċi tal-benefiċjarji ***u tar-reġjuni*** fil-mira, il-ħolqien ta' bini tal-kapaċitajiet immirat kemm lejn l-amministrazzjonijiet kif ukoll lejn il-benefiċjarji. Il-Pjan SNR jenħtieġ li jistabbilixxi s-sett dettaljat ta' miżuri u arranġamenti għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tiegħu, inkluż l-istabbiliment tal-awtoritajiet għall-Pjan SNR, il-kumitat ta' monitoraġġ u koordinazzjoni, il-kostijiet stmati ta' dawk il-miżuri u l-kontribuzzjoni u l-miżuri nazzjonali biex titjieb il-kwalità tal-governanza u tissaħħaħ il-kapaċità amministrattiva tal-amministrazzjonijiet pubbliċi. Jenħtieġ li titfittex u tinkiseb kooperazzjoni mill-qrib bejn il-Kummissjoni, l-Istati Membri***, ir-reġjuni*** u ***l-benefiċjarji*** tagħhom matul il-proċess kollu; jenħtieġ li jiġu inkoraġġiti t-tagħlim u l-esperimentazzjoni tal-politika.

Emenda 16

Proposta għal regolament
Premessa 33

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(33) Biex jiġu massimizzati l-impatt u s-sjieda nazzjonali tal-finanzjament tal-Unjoni filwaqt li jiġu rispettati l-prinċipji tal-ekwità u tas-solidarjetà, il-	(33) Biex jiġu massimizzati l-impatt u s-sjieda nazzjonali tal-finanzjament tal-Unjoni filwaqt li jiġu rispettati l-prinċipji tal-ekwità u tas-solidarjetà, il-

kontribuzzjoni nazzjonali għall-kostijiet stmati tal-miżuri differenti tal-Pjan SNR jenħtieġ li tirrifletti l-livelli differenti ta' żvilupp ekonomiku tar-reġjuni f'termini ta' *per capita* fir-rigward tal-medja tal-EU-27. Il-konformità ma' dan ir-rekwiżit ta' kofinanzjament jenħtieġ li tiġi vvalutata *ex ante* bħala parti mill-proċedura ta' approvazzjoni tal-Pjan. L-addizzjonalità tal-kontribuzzjoni tal-UE se tiġi mmonitorjata mill-Kummissjoni matul il-ħajja tal-programm.

kontribuzzjoni nazzjonali għall-kostijiet stmati tal-miżuri differenti tal-Pjan SNR jenħtieġ li tirrifletti l-livelli differenti ta' żvilupp ekonomiku tar-reġjuni f'termini ta' *per capita* fir-rigward tal-medja tal-EU-27. ***Għall-finanzjament tal-interventi tal-PKS, ir-rata ta' kontribuzzjoni nazzjonali se tkun ta' 30 %, indipendentement mir-reġjun fejn issir in-nefqa. Bħala eċċezzjoni għal dak li ntqal hawn fuq, ir-rata ta' kontribuzzjoni nazzjonali biex jiġu kkumpensati l-kostijiet addizzjonali fir-reġjuni ultraperiferiċi se tkun ta' 0 %.*** Il-konformità ma' dan ir-rekwiżit ta' kofinanzjament jenħtieġ li tiġi vvalutata *ex ante* bħala parti mill-proċedura ta' approvazzjoni tal-Pjan. L-addizzjonalità tal-kontribuzzjoni tal-UE se tiġi mmonitorjata mill-Kummissjoni matul il-ħajja tal-programm.

Emenda 17

Proposta għal regolament
Premessa 39

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(39) Jenħtieġ li tiġi stabbilita Faċilità tal-UE biex tikkomplementa l-implimentazzjoni fil-livell nazzjonali u reġjonali. Il-Faċilità tal-UE jenħtieġ li tappoġġa proġetti ta' dimensjoni tranżnazzjonali, b'valur miżjud għoli tal-Unjoni, li jirrikjedu sforzi addizzjonali ta' koordinazzjoni fil-livell tal-Unjoni, kif ukoll appoġġ ta' politika bbażat fuq l-evidenza u li jikkontribwixxu għall-objettivi stabbiliti f'dan ir-Regolament. Jenħtieġ li tgħin ukoll lill-Istati Membri biex jindirizzaw malajr ħtiġijiet urġenti u speċifiċi bħala rispons għal sitwazzjoni ta' kriżi, bħal diżastru naturali nazzjonali jew reġjonali maġġuri, u trawwem it-tiswija u l-irkupru bil-għan li tiżdied ir-reżiljenza wara kriżi. Jenħtieġ li taħseb ukoll għall-inċertezza billi tipprovdi lill-Unjoni bi spazju addizzjonali ta' manuvra biex	(39) Jenħtieġ li tiġi stabbilita Faċilità tal-UE biex tikkomplementa l-implimentazzjoni fil-livell nazzjonali u reġjonali. Il-Faċilità tal-UE jenħtieġ li tappoġġa proġetti ta' dimensjoni tranżnazzjonali, b'valur miżjud għoli tal-Unjoni, ***bħal proġetti LIFE integrati, inklużi l-indirizzar tar-reżiljenza tal-ilma u l-appoġġ għall-iżvilupp ta' infrastruttura blu u ekoloġika funzjonali fir-reġjuni kollha,*** li jirrikjedu sforzi addizzjonali ta' koordinazzjoni fil-livell tal-Unjoni, kif ukoll appoġġ ta' politika bbażat fuq l-evidenza u li jikkontribwixxu għall-objettivi stabbiliti f'dan ir-Regolament. Jenħtieġ li tgħin ukoll lill-Istati Membri biex jindirizzaw malajr ħtiġijiet urġenti u speċifiċi bħala rispons għal sitwazzjoni ta' kriżi, bħal diżastru naturali nazzjonali jew reġjonali maġġuri,

taġġusta għall-prijoritajiet emerġenti fil-livell tal-Unjoni, li jirrikjedu rispons ikkoordinat. Fl-aħħar nett, jenħtieġ li tipprovdi appoġġ tekniku lill-Istati Membri biex jimplimentaw b'mod effettiv il-politiki koperti minn dan ir-Regolament. Fil-kuntest tat-tkabbir fil-futur, huwa essenzjali li jiġi żgurat li l-qafas leġiżlattiv u baġitarju tal-Unjoni jkun jista' jakkomoda wkoll b'mod effettiv l-appoġġ għall-adeżjoni ta' Stati Membri ġodda. Meta tagħmel dan, il-Faċilità jenħtieġ li jkollha l-possibbiltà li tirrikorri għal ġestjoni kondiviża, diretta jew indiretta skont it-tip ta' miżura u l-kors ta' azzjoni l-aktar effettiv.

u trawwem it-tiswija u l-irkupru bil-għan li tiżdied ir-reżiljenza wara kriżi. Jenħtieġ li taħseb ukoll għall-inċertezza billi tipprovdi lill-Unjoni bi spazju addizzjonali ta' manuvra biex taġġusta għall-prijoritajiet emerġenti fil-livell tal-Unjoni, li jirrikjedu rispons ikkoordinat. Fl-aħħar nett, jenħtieġ li tipprovdi appoġġ tekniku lill-Istati Membri biex jimplimentaw b'mod effettiv il-politiki koperti minn dan ir-Regolament. Fil-kuntest tat-tkabbir fil-futur, huwa essenzjali li jiġi żgurat li l-qafas leġiżlattiv u baġitarju tal-Unjoni jkun jista' jakkomoda wkoll b'mod effettiv l-appoġġ għall-adeżjoni ta' Stati Membri ġodda. Meta tagħmel dan, il-Faċilità jenħtieġ li jkollha l-possibbiltà li tirrikorri għal ġestjoni kondiviża, diretta jew indiretta skont it-tip ta' miżura u l-kors ta' azzjoni l-aktar effettiv.

Emenda 18

Proposta għal regolament
Premessa 41a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(41a) Jenħtieġ li tiġi stabbilita Xibka ta' Sikurezza għas-Sajd biex tistabbilizza s-swieq tas-sajd u tal-akkwakultura fi żminijiet ta' disturbi fis-suq. Din jenħtieġ li tintuża biex tindirizza perjodi u theddid ta' żbilanċ fis-suq, li jaffettwaw il-prezzijiet tal-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura u l-kostijiet tal-inputs fis-suq intern kollu jew f'parti minnu. Sabiex tiġi ssalvagwardjata l-awtonomija strateġika tal-Unjoni fil-provvista tal-ikel u tiġi żgurata s-sigurtà tal-ikel, il-finanzjament allokat għall-appoġġ tas-suq permezz tax-Xibka ta' Sikurezza għas-Sajd jenħtieġ li jqis l-inċertezzi li qed jiżdiedu fis-swieq tas-sajd.

Emenda 19

Proposta għal regolament
Premessa 46

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(46) Il-Politika Komuni tas-Sajd u l-politika marittima tal-Unjoni jenħtieġ li jikkontribwixxu għas-sajd sostenibbli u għall-konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar, it-tiġdid ġenerazzjonali u t-tranżizzjoni enerġetika tas-sajd***, l-attivitajiet*** tal-akkwakultura ***sostenibbli***, u l-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura, l-ekonomija blu sostenibbli fiż-żoni kostali, insulari u interni, l-għarfien dwar il-baħar, l-attivitajiet relatati mat-taħriġ f'ħiliet tal-ekonomija blu, ir-reżiljenza tal-komunitajiet kostali u b'mod partikolari tas-sajd kostali fuq skala żgħira, it-tisħiħ tal-governanza u l-osservazzjoni internazzjonali tal-oċeani u l-possibbiltà li l-ibħra u l-oċeani jkunu sikuri, siguri, nodfa u ġestiti b'mod sostenibbli.	(46) Il-Politika Komuni tas-Sajd u l-politika marittima tal-Unjoni jenħtieġ li jikkontribwixxu għas-sajd ***u għall-akkwakultura*** sostenibbli***, ġestiti b'mod li jkun konsistenti mal-objettivi li jinkisbu benefiċċji ekonomiċi, soċjali*** u ***tal-impjiegi,*** għall-konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar, ***il-ġestjoni sostenibbli tal-istokkijiet tal-ħut, l-appoġġ għas-sajd fuq skala żgħira,*** it-tiġdid ġenerazzjonali u t-tranżizzjoni enerġetika ***tal-attivitajiet*** tas-sajd ***u*** tal-akkwakultura***, il-modernizzazzjoni, id-dekarbonizzazzjoni u t-tiġdid tal-flotta tas-sajd***, u l-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura, ***u l-promozzjoni tal-konsum tagħhom,*** l-ekonomija blu sostenibbli fiż-żoni kostali, insulari u interni ***u fir-reġjuni ultraperiferiċi***, l-għarfien dwar il-baħar, l-attivitajiet relatati mat-taħriġ f'ħiliet tal-ekonomija blu, ir-reżiljenza tal-komunitajiet kostali u b'mod partikolari tas-sajd kostali fuq skala żgħira, it-tisħiħ tal-governanza u l-osservazzjoni internazzjonali tal-oċeani u l-possibbiltà li l-ibħra u l-oċeani jkunu sikuri, siguri, nodfa***, b'saħħithom*** u ġestiti b'mod sostenibbli.

Emenda 20

Proposta għal regolament
Premessa 46a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(46a) Il-finanzjament għas-sajd u għall-akkwakultura jenħtieġ li jkun ta' benefiċċju għall-operazzjoni u għall-attivitajiet produttivi ta' dawn is-setturi u jenħtieġ li jintuża biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi fl-UE. Għalhekk, jenħtieġ li l-finanzjament użat għall-

	kontroll tas-sajd, għall-ġbir tad-data, għall-konsulenza xjentifika u għall-assistenza teknika ma jitteħidx mill-ammont delimitat b'ġestjoni kondiviża.

Emenda 21

Proposta għal regolament
Premessa 46b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(46b) Filwaqt li jirrappreżentaw 76 % tal-flotta tas-sajd tal-UE, is-sajjieda fuq skala żgħira jesperjenzaw diffikultajiet sinifikanti fl-aċċess għall-finanzjament tal-UE. Għalhekk, jenħtieġ li jiġi żviluppat appoġġ amministrattiv iddedikat għas-sajjieda fuq skala żgħira bil-għan li tittejjeb il-koeżjoni soċjali u territorjali u jiġi appoġġat l-aċċess ta' dawk l-operaturi għall-finanzjament tal-UE.

Emenda 22

Proposta għal regolament
Premessa 47

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(47) Ir-reġjuni ultraperiferiċi jiffaċċjaw sfidi speċifiċi marbuta mal-qagħda mbiegħda, it-topografija u l-klima tagħhom kif imsemmi fl-Artikolu 349 tat-TFUE u għandhom ukoll assi speċifiċi, b'mod partikolari biex jiżviluppaw ekonomija blu sostenibbli. Għalhekk, l-Istati Membri kkonċernati jenħtieġ li jinkludu miżuri li jappoġġaw lil kull reġjun ultraperiferiku fil-pjan SNR tagħhom biex jipprovdu għall-ħtiġijiet u l-isfidi speċifiċi tagħhom bħas-sigurtà tal-ikel, l-akkomodazzjoni, ***it-trasport***, il-ġestjoni tal-ilma u tal-iskart, l-enerġija, l-edukazzjoni u l-ħiliet, il-migrazzjoni, ir-reżiljenza u l-adattament għat-tibdil fil-klima, il-ħarsien tal-ambjent, l-aċċess għall-kura tas-saħħa, l-enerġija, it-	(47) Ir-reġjuni ultraperiferiċi jiffaċċjaw sfidi speċifiċi marbuta mal-qagħda mbiegħda, it-topografija u l-klima tagħhom kif imsemmi fl-Artikolu 349 tat-TFUE u għandhom ukoll assi speċifiċi, b'mod partikolari biex jiżviluppaw ekonomija blu sostenibbli. Għalhekk, l-Istati Membri kkonċernati jenħtieġ li jinkludu miżuri li jappoġġaw lil kull reġjun ultraperiferiku fil-pjan SNR tagħhom**,** biex jipprovdu għall-ħtiġijiet u l-isfidi speċifiċi tagħhom bħas-sigurtà tal-ikel, l-akkomodazzjoni, ***l-aċċessibbilità***, il-ġestjoni tal-ilma u tal-iskart, l-enerġija, l-edukazzjoni u l-ħiliet, il-migrazzjoni, ir-reżiljenza u l-adattament għat-tibdil fil-klima, il-ħarsien tal-ambjent, l-aċċess għall-kura tas-saħħa, l-enerġija, it-

trasport u l-konnettività diġitali u l-iżvilupp ekonomiku, ***inkluża*** ekonomija blu sostenibbli u ***diversifikata***.	trasport u l-konnettività diġitali u l-iżvilupp ekonomiku, ***inkluži sajd, akkwakultura u*** ekonomija blu sostenibbli u ***diversifikati. Il-miżuri li jikkonċernaw is-sajd se jiġu inklużi fir-Regolament XXX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni għall-Politika Komuni tas-Sajd u l-Patt Ewropew għall-Oċeani]. Biex jiġu indirizzati d-diffikultajiet li jirriżultaw min-natura ultraperiferika ta' dawn ir-reġjuni, l-Istati Membri jenħtieġ li jieħdu miżuri speċifiċi fil-qasam tas-sajd u tal-akkwakultura bħala parti mill-Pjanijiet Nazzjonali tagħhom, permezz ta' Programm iddedikat immudellat fuq ir-Regolament (UE) Nru 228/2013 tat-13 ta' Marzu 2013.***

Emenda 23

Proposta għal regolament
Premessa 48

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(48) Il-miżuri jenħtieġ li jinkludu appoġġ biex tiġi ggarantita l-provvista ta' prodotti essenzjali għall-konsum mill-bniedem jew għall-ipproċessar u bħala inputs agrikoli billi jiġu mitigati l-kostijiet addizzjonali mġarrba minħabba l-qagħda mbiegħda estrema u/jew l-insularità tagħhom, mingħajr ma ssir ħsara lill-produzzjoni lokali u t-tkabbir tagħha. Il-miżuri jenħtieġ li jinkludu wkoll appoġġ għall-iżgurar tal-futur u l-iżvilupp fit-tul tal-agrikoltura, is-sajd u l-akkwakultura, inklużi l-produzzjoni, l-ipproċessar, il-kummerċjalizzazzjoni u l-bejgħ ta' għelejjel u prodotti lokali, u d-diversifikazzjoni tal-produzzjoni tal-ikel, b'enfasi partikolari fuq is-sigurtà tal-ikel u l-awtosuffiċjenza, u ż-żamma u t-tisħiħ tal-kompetittività tagħhom. Barra minn hekk, il-miżuri jenħtieġ li jinkludu appoġġ, inklużi kumpensi, għal arranġamenti	(48) Il-miżuri jenħtieġ li jinkludu appoġġ biex tiġi ggarantita l-provvista ta' prodotti essenzjali għall-konsum mill-bniedem jew għall-ipproċessar u bħala inputs agrikoli***, tal-akkwakultura u tas-sajd*** billi jiġu mitigati l-kostijiet addizzjonali mġarrba minħabba l-qagħda mbiegħda estrema u/jew l-insularità tagħhom, mingħajr ma ssir ħsara lill-produzzjoni lokali u t-tkabbir tagħha. Il-miżuri jenħtieġ li jinkludu wkoll appoġġ għall-iżgurar tal-futur u l-iżvilupp fit-tul tal-agrikoltura, is-sajd u l-akkwakultura, inklużi l-produzzjoni, l-ipproċessar, il-kummerċjalizzazzjoni u l-bejgħ ta' għelejjel u prodotti lokali, u d-diversifikazzjoni tal-produzzjoni tal-ikel, b'enfasi partikolari fuq is-sigurtà tal-ikel u l-awtosuffiċjenza, u ż-żamma u t-tisħiħ tal-kompetittività tagħhom. Barra minn hekk, il-miżuri jenħtieġ li jinkludu appoġġ,

speċifiċi ta' provvista għall-agrikoltura, appoġġ għall-produzzjoni u l-ipproċessar agrikoli lokali, u biex jassistu l-produzzjoni, l-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni tas-sajd u tal-akkwakultura lokali, u appoġġ għat-tisħiħ tat-trasport, ***l-enerġija*** u ***l-konnettività*** diġitali. ***Jenħtieġ li jkun possibbli għall-Istati Membri*** li jagħtu finanzjament addizzjonali għall-implimentazzjoni ta' dak l-appoġġ. Bħala għajnuna mill-Istat, tali finanzjament jenħtieġ li jiġi nnotifikat lill-Kummissjoni, li tista' tapprovah skont dan ir-Regolament bħala parti minn dak l-appoġġ.	inklużi kumpensi, għal arranġamenti speċifiċi ta' provvista għall-agrikoltura, appoġġ għall-produzzjoni u l-ipproċessar agrikoli lokali, u biex jassistu l-produzzjoni, l-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni tas-sajd u tal-akkwakultura lokali, u appoġġ għat-tisħiħ ***tal-aċċessibbiltajiet,*** tat-trasport, ***tal-enerġija*** u ***tal-konnettività*** diġitali. ***L-Istati Membri jenħtieġ*** li jagħtu finanzjament addizzjonali għall-implimentazzjoni ta' dak l-appoġġ. Bħala għajnuna mill-Istat, tali finanzjament jenħtieġ li jiġi nnotifikat lill-Kummissjoni, li tista' tapprovah skont dan ir-Regolament bħala parti minn dak l-appoġġ.

Emenda 24

Proposta għal regolament
Premessa 48a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(48a) Ir-reġjuni ultraperiferiċi u l-pajjiżi u t-territorji ekstra-Ewropej huma assi strateġiċi għall-Unjoni Ewropea, minħabba l-pożizzjoni ġeografika tagħhom b'kopertura ta' kull oċean. Dawn jiġġeneraw ukoll valur miżjud sinifikanti għall-Unjoni, b'mod partikolari fl-oqsma ekonomiċi u tad-difiża. Huwa importanti li jiżdied l-investiment fl-infrastruttura b'użu doppju, bħall-portijiet, l-ajruporti u l-faċilitajiet spazjali, li jikkontribwixxu ħafna għall-konnettività u l-effettività operazzjonali tal-Unjoni.

Emenda 25

Proposta għal regolament
Premessa 49

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(49) Sabiex jiġu indirizzati l-kundizzjonijiet speċifiċi tal-Politika Komuni tas-Sajd imsemmija fir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 u biex jingħata kontribut għall-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, jenħtieġ li jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet speċifiċi għar-regoli dwar l-interruzzjoni, is-sospensjoni u l-korrezzjonijiet finanzjarji. Meta Stat Membru jkun naqas milli jikkonforma mal-obbligi tiegħu skont il-Politika Komuni tas-Sajd, jew meta l-Kummissjoni jkollha evidenza li tissuġġerixxi tali nuqqas ta' konformità, jenħtieġ li l-Kummissjoni, bħala miżura ta' prekawzjoni, tkun tista' tinterrompi l-iskadenzi għall-pagamenti. Minbarra l-possibbiltà ta' interruzzjoni tal-iskadenza għall-pagament, u sabiex jiġi evitat riskju evidenti ta' pagament ta' nefqa ineliġibbli, il-Kummissjoni jenħtieġ li tkun tista' tissospendi l-pagamenti u timponi korrezzjonijiet finanzjarji f'każijiet ta' nuqqas serju ta' konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd minn Stat Membru.	***imħassar***

Emenda 26

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt a – punt iii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(iii) l-istrumenti għall-politika komuni tas-sajd;	(iii) l-istrumenti għall-politika komuni tas-sajd ***(il-PKS)***;

Emenda 27

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Bil-għan ġenerali li jippromwovi l-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, l-iżvilupp sostenibbli u l-kompetittività tal-	1. Bil-għan ġenerali li jippromwovi l-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, l-iżvilupp sostenibbli***, il-ġestjoni sostenibbli***

Unjoni, is-sigurtà tagħha u l-preparatezza tagħha, il-Fond għandu jappoġġa l-objettivi ġenerali li ġejjin:	***tar-riżorsi naturali*** u l-kompetittività tal-Unjoni, is-sigurtà tagħha u l-preparatezza tagħha, il-Fond għandu jappoġġa l-objettivi ġenerali li ġejjin:

Emenda 28

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) it-tnaqqis tal-iżbilanċi reġjonali fl-Unjoni u r-ritard ta' dawk ir-reġjuni li huma inqas favoriti u l-promozzjoni tal-kooperazzjoni territorjali Ewropea f'konformità mat-Tielet Parti, it-Titolu XVIII tat-TFUE, inkluż l-appoġġ għal proġetti ***fil-qasam*** tal-ambjent u n-networks trans-Ewropej fil-qasam tal-infrastruttura tat-trasport f'konformità mal-Artikolu 177(2) tat-TFUE ("il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Fond ta' Koeżjoni");	(a) it-tnaqqis tal-iżbilanċi reġjonali fl-Unjoni u r-ritard ta' dawk ir-reġjuni li huma inqas favoriti ***u r-reġjuni ultraperiferiċi,*** u l-promozzjoni tal-kooperazzjoni territorjali Ewropea f'konformità mat-Tielet Parti, it-Titolu XVIII tat-TFUE, inkluż l-appoġġ għal proġetti ***li jikkontribwixxu għall-protezzjoni u t-titjib*** tal-ambjent u n-networks trans-Ewropej fil-qasam tal-infrastruttura tat-trasport f'konformità mal-Artikolu 177(2) tat-TFUE ("il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Fond ta' Koeżjoni");

Emenda 29

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) l-appoġġ għall-implimentazzjoni tal-politika komuni tas-sajd tal-Unjoni f'konformità mat-Tielet Parti, it-Titolu III tat-TFUE;	(d) l-appoġġ għall-implimentazzjoni tal-Politika Komuni tas-Sajd tal-Unjoni f'konformità mat-Tielet Parti, it-Titolu III tat-TFUE***, filwaqt li jitqiesu kif xieraq l-ispeċifiċitajiet tar-reġjuni ultraperiferiċi***;

Emenda 30

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(da) il-kontribut għall-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar u r-rekwiżiti tal-protezzjoni ambjentali kif stabbiliti fl-Artikolu 11 tat-TFUE;

Emenda 31

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt a – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(i) irawwem l-attraenza tat-territorji biex jappoġġa d-dritt li wieħed jibqa' fit-territorju, inkluż billi jappoġġa strateġiji għall-iżvilupp integrat ***taż-żoni*** urbani u ***rurali***, ***inkluż*** l-appoġġ għas-servizzi u l-infrastruttura territorjali;	(i) irawwem l-attraenza tat-territorji biex jappoġġa d-dritt li wieħed jibqa' fit-territorju, inkluż billi jappoġġa strateġiji għall-iżvilupp integrat ***tar-reġjuni*** urbani***, rurali, kostali, insulari, ultraperiferiċi*** u ***taż-żoni tal-ilmijiet interni***, ***inklużi ż-żoni b'dipendenza soċjoekonomika akbar fuq is-sajd u l-akkwakultura, filwaqt li jiġi żgurat*** l-appoġġ għas-servizzi u l-infrastruttura territorjali ***inkluż l-infrastruttura rilevanti tal-ekonomija blu, tas-sajd u tal-akkwakultura, it-tishiħ tal-opportunitajiet soċjoekonomiċi u r-reżiljenza tal-komunitajiet lokali u l-iżgurar ta' governanza b'saħħitha tal-oċeani fid-dimensjonijiet kollha, b'oċeani sikuri, nodfa u ġestiti b'mod sostenibbli***;

Emenda 32

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt a – punt x

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(x) jappoġġa l-ġestjoni effiċjenti, il-kwalità u r-reżiljenza tal-ilma, il-ħarsien tal-ambjent, l-adattament għat-tibdil fil-klima, ir-reżiljenza għall-klima u t-tisħiħ tal-bijodiversità, il-kwalità tal-ħamrija u r-riżorsi naturali, jippromwovi ċ-ċirkolarità, il-bijoekonomija u l-effiċjenza usa' tar-riżorsi, isaħħaħ il-prevenzjoni, il-kontroll u	(x) jappoġġa l-ġestjoni effiċjenti, il-kwalità u r-reżiljenza tal-ilma, il-ħarsien tal-ambjent, l-adattament għat-tibdil fil-klima, ir-reżiljenza għall-klima u t-tisħiħ tal-bijodiversità, ***inklużi l-bijodiversità tal-baħar u l-konservazzjoni u l-ġestjoni tal-ekosistemi tal-baħar u tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar,*** il-kwalità tal-ħamrija

r-rimedju tat-tniġġis, il-preservazzjoni u r-restawr tan-natura u t-tisħiħ tal-bijodiversità u r-riżorsi naturali, kif ukoll jippromwovi s-soluzzjonijiet tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida fl-ambjent mibni.	u r-riżorsi naturali, jippromwovi ċ-ċirkolarità, il-bijoekonomija u l-effiċjenza usa' tar-riżorsi, isaħħaħ il-prevenzjoni, il-kontroll u r-rimedju tat-tniġġis, il-preservazzjoni u r-restawr tan-natura u t-tisħiħ tal-bijodiversità u r-riżorsi naturali, kif ukoll jippromwovi s-soluzzjonijiet tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida fl-ambjent mibni.

Emenda 33

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt b – paragrafu 1 – punt iiia (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(iiia) jikkontribwixxi għas-sigurtà tal-ikel fit-tul tal-Unjoni, b'mod partikolari billi jnaqqas id-dipendenza fuq l-importazzjonijiet ta' prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura u jiżgura l-ġestjoni sostenibbli tal-istokkijiet tal-ħut;

Emenda 34

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt c – punt ii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(ii) isaħħaħ il-provvista ta' ħaddiema u jtejjeb l-edukazzjoni u l-akkwist tal-ħiliet tul il-ħajja, b'mod partikolari billi jippromwovi t-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid;	(ii) isaħħaħ il-provvista ta' ħaddiema u jtejjeb l-edukazzjoni u l-akkwist tal-ħiliet tul il-ħajja, b'mod partikolari billi jippromwovi t-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid***, inkluż billi jappoġġa t-tiġdid ġenerazzjonali fis-setturi tas-sajd u tal-akkwakultura***;

Emenda 35

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt d – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(d) li jsostni l-kwalità tal-ħajja fl-Unjoni billi:	(d) ***li jappoġġa l-implimentazzjoni tal-PAK u l-PKS u*** li jsostni l-kwalità tal-ħajja fl-Unjoni billi:

Emenda 36

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt d – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(i) jappoġġa introjtu aktar ġust u suffiċjenti għall-bdiewa u l-kompetittività fit-tul tagħhom, inkluża l-pożizzjoni ***tal-bdiewa*** fil-katina tal-valur;	(i) jappoġġa introjtu aktar ġust u suffiċjenti għall-bdiewa ***kif ukoll għas-sajjieda*** u l-kompetittività ***u l-profittabbiltà*** fit-tul tagħhom, inkluża l-pożizzjoni ***tagħhom*** fil-katina tal-valur;

Emenda 37

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt d – punt ii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(ii) jikkontribwixxi għas-sigurtà tal-ikel fit-tul;	(ii) jikkontribwixxi għas-sigurtà tal-ikel ***u s-sovranità tal-ikel*** fit-tul***, inkluż billi jiġu żgurati l-konservazzjoni u l-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi naturali, ekosistemi b'saħħithom u l-kapaċità riproduttiva tal-ispeċijiet, il-bini mill-ġdid tal-istokkijiet, l-appoġġ għall-produtturi fuq skala żgħira u l-ktajjen tal-ikel qosra, u t-tnaqqis tad-dipendenza eċċessiva fuq l-importazzjonijiet ta' prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura***;

Emenda 38

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt d – punt iv

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(iv) jiżgura s-sostenibbiltà, il-kompetittività u r-reżiljenza tas-settur tas-sajd u tal-akkwakultura tal-Unjoni, isaħħaħ	(iv) jiżgura s-sostenibbiltà, il-kompetittività u r-reżiljenza tas-settur tas-sajd u tal-akkwakultura tal-Unjoni, ***inkluż***

l-ekonomija blu sostenibbli u kompetittiva fiż-żoni kostali, insulari u interni, isaħħaħ l-opportunitajiet soċjoekonomiċi u r-reżiljenza tal-komunitajiet lokali u jiżgura governanza tal-oċeani b'saħħitha fid-dimensjonijiet kollha, b'oċeani sikuri, siguri, nodfa u ġestiti b'mod sostenibbli;	***is-sajd fuq skala żgħira, b'impatt baxx, kostali u intern, jappoġġa t-tiġdid ġenerazzjonali, ittejjeb il-kundizzjonijiet tax-xogħol, tas-sikurezza u tal-abitabbiltà, jappoġġa d-dekarbonizzazzjoni, l-effiċjenza enerġetika, it-tiġdid tal-flotta, il-modernizzazzjoni u l-innovazzjoni, is-selettività, isaħħaħ il-portijiet tas-sajd, tas-siti ta' ħatt l-art, tal-infrastruttura tal-ewwel bejgħ, tal-ħżin, tal-ipproċessar u tal-kummerċjalizzazzjoni,*** isaħħaħ l-ekonomija blu sostenibbli u kompetittiva***, inkluża l-ekonomija blu riġenerattiva*** fiż-żoni kostali, insulari u interni ***u fir-reġjuni ultraperiferiċi***, isaħħaħ l-opportunitajiet soċjoekonomiċi u r-reżiljenza tal-komunitajiet lokali u jiżgura governanza tal-oċeani b'saħħitha fid-dimensjonijiet kollha, b'oċeani sikuri, siguri, nodfa u ġestiti b'mod sostenibbli***, inkluż permezz tal-aħjar pariri xjentifiċi disponibbli u l-kontroll tas-sajd u l-ġlieda kontra s-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat***;

Emenda 39

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt d – punt v

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(v) isaħħaħ il-prattiki ta' ġestjoni sostenibbli tal-agrikoltura ***u*** tal-forestrija biex tiġi promossa azzjoni klimatika reżiljenti, il-forniment ta' diversi servizzi tal-ekosistema, jappoġġa l-ġestjoni effiċjenti, il-kwalità u r-reżiljenza tal-ilma, l-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura, isaħħaħ l-iżvilupp sostenibbli, il-ħarsien tal-ambjent, isaħħaħ il-konservazzjoni u r-restawr tal-bijodiversità, il-ħamrija u r-riżorsi naturali, u jtejjeb il-benesseri tal-annimali***.***	(v) isaħħaħ il-prattiki ta' ġestjoni sostenibbli tal-agrikoltura***,*** tal-forestrija***, tas-sajd u tal-akkwakultura*** biex tiġi promossa azzjoni klimatika reżiljenti, il-forniment ta' diversi servizzi tal-ekosistema, jappoġġa l-ġestjoni effiċjenti, il-kwalità u r-reżiljenza tal-ilma, l-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura, isaħħaħ l-iżvilupp sostenibbli, il-ħarsien tal-ambjent, isaħħaħ il-konservazzjoni u r-restawr tal-bijodiversità, ***l-ekosistemi tal-baħar, ir-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar,*** il-ħamrija u r-riżorsi naturali, u jtejjeb il-benesseri tal-annimali***;***

Emenda 40

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt d – punt va (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(va) jiffaċilita l-aċċess għall-finanzjament disponibbli tal-Unjoni u tal-Istati Membri għall-benefiċjarji eliġibbli kollha, speċjalment is-sajjieda kostali fuq skala żgħira, l-operaturi tal-akkwakultura u l-komunitajiet kostali.

Emenda 41

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt e – punt ii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(ii) jippromwovi u jsostni l-istat tad-dritt permezz tat-tisħiħ tas-sistemi ġudizzjarji, l-oqfsa kontra l-korruzzjoni, il-pluraliżmu tal-media, l-integrità tal-informazzjoni, il-litteriżmu medjatiku, u sistema ta' kontrokontrolli effettiva;	(ii) jippromwovi u jsostni l-istat tad-dritt permezz tat-tisħiħ tas-sistemi ġudizzjarji, ***fost l-oħrajn, permezz tat-tisħiħ tat-taħriġ u l-mezzi għall-awtoritajiet li jittrattaw reati kriminali marbuta mal-baħar u s-sajd, isaħħaħ*** l-oqfsa kontra l-korruzzjoni, il-pluraliżmu tal-media, l-integrità tal-informazzjoni, il-litteriżmu medjatiku, u sistema ta' kontrokontrolli effettiva;

Emenda 42

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) "liġi applikabbli" tfisser id-dritt tal-Unjoni u l-liġi nazzjonali ***relatata*** direttament mal-applikazzjoni tiegħu;	(1) "liġi applikabbli" tfisser id-dritt tal-Unjoni u l-liġi nazzjonali ***u internazzjonali relatati*** direttament mal-applikazzjoni tiegħu;

Emenda 43

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 25

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(25) "sajd kostali fuq skala żgħira" tfisser attivitajiet tas-sajd imwettqa minn:	***imħassar***
(a) bastimenti tas-sajd tal-baħar u tal-ilmijiet interni b'tul totali ta' inqas minn 12-il metru u li ma jużawx irkaptu rmunkat kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006 [(28)]; jew	
(b) sajjieda bil-mixi, inklużi dawk li jiġbru l-frott tal-baħar bil-qoxra;	

Emenda 44

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 26

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(26) "sajjied" tfisser kwalunkwe persuna fiżika li tinvolvi f'attivitajiet tas-sajd kummerċjali, kif rikonoxxut mill-Istat Membru kkonċernat;	***imħassar***

Emenda 45

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 27

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(27) "sajd" tfisser kwalunkwe persuna fiżika li tinvolvi ruħha f'attivitajiet tas-sajd kummerċjali, kif rikonoxxut mill-Istat Membru kkonċernat;	***imħassar***

Emenda 46

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 28

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(28) "ekonomija blu sostenibbli" tfisser l-attivitajiet ekonomiċi settorjali u transsettorjali kollha fis-suq intern kollu relatati mal-oċeani, l-ibħra, il-kosti u l-ilmijiet interni, li jkopru r-reġjuni insulari u ultraperiferiċi tal-Unjoni u l-pajjiżi mingħajr kosta, inklużi s-setturi emerġenti u l-oġġetti u s-servizzi mhux tas-suq, li għandhom l-għan li jiżguraw is-sostenibbiltà ambjentali, soċjali u ekonomika fit-tul u li huma konsistenti mal-SDGs, u b'mod partikolari l-SDG 14, u mal-leġiżlazzjoni ambjentali tal-Unjoni;	***imħassar***

Emenda 47

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 29

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(29) "politika marittima" tfisser politika tal-Unjoni li għandha l-għan li trawwem teħid ta' deċiżjonijiet integrat u koerenti biex jiġu massimizzati l-iżvilupp sostenibbli, it-tkabbir ekonomiku u l-koeżjoni soċjali tal-Unjoni, b'mod partikolari taż-żoni kostali u insulari u tar-reġjuni ultraperiferiċi, u tas-setturi tal-ekonomija blu sostenibbli, permezz ta' politiki koerenti relatati mas-settur marittimu u kooperazzjoni internazzjonali rilevanti;	***imħassar***

Emenda 48

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 30

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(30) "sigurtà u sorveljanza marittima" tfisser l-attivitajiet imwettqa biex	***imħassar***

jinftiehmu, jiġu evitati kull fejn ikun applikabbli u ġestiti b'mod komprensiv l-avvenimenti u l-azzjonijiet kollha relatati mad-dominju marittimu li jkollhom impatt fuq l-oqsma tas-sikurezza u s-sigurtà marittima, l-infurzar tal-liġi, id-difiża, il-kontroll tal-fruntieri, il-protezzjoni tal-ambjent tal-baħar, il-kontroll tas-sajd, il-kummerċ u l-interess ekonomiku tal-Unjoni;

Emenda 49

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 31

Test propost mill-Kummissjoni		*Emenda*
(31) "network Ewropew ta' osservazzjoni u data marittima" jew "EMODnet, European Marine Observation and Data Network" tfisser sħubija li tiġbor data u metadata marittima sabiex dawk ir-riżorsi frammentati jsiru aktar disponibbli u jistgħu jintużaw aktar mill-utenti pubbliċi u privati billi tiġi offruta data marittima ta' kwalità assigurata, interoperabbli u armonizzata;		***imħassar***

Emenda 50

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 32

Test propost mill-Kummissjoni		*Emenda*
(32) "ippjanar tal-ispazju marittimu" tfisser proċess li bih l-awtoritajiet rilevanti tal-Istat Membru janalizzaw u jorganizzaw l-attivitajiet tal-bniedem f'żoni tal-baħar biex jintlaħqu l-objettivi ekoloġiċi, ekonomiċi u soċjali;		***imħassar***

Emenda 51

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 33

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(33) "osservazzjoni tal-oċeani" tfisser il-pedament tal-għarfien kollu dwar il-baħar. Din tifforma l-bażi tal-fehim tal-ekosistemi tal-baħar u l-fatturi li jinfluwenzawhom. Hija tipprovdi data kritika għall-previżjonijiet meteoroloġiċi, l-istrateġiji ta' mitigazzjoni u adattament għat-tibdil fil-klima, il-monitoraġġ ta' avvenimenti estremi, is-sigurtà ċivili – il-kundizzjoni tal-baħar, l-għargħar, it-tbaħħir marittimu, l-enerġija lil hinn mill-kosta, is-sajd u l-akkwakultura u dejjem aktar is-sigurtà u d-difiża. Hija toħloq il-pedament għat-teħid ta' deċiżjonijiet ibbażat fuq l-evidenza u tipprovdi informazzjoni kruċjali dwar kif l-attivitajiet tal-bniedem jinfluwenzaw is-saħħa tal-oċeani u liema servizzi l-oċean jipprovdi lis-soċjetajiet.	***imħassar***

Emenda 52

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Għall-Pjan SNR u kull kapitolu, u l-kapitolu tal-Pjan Interreg kif imsemmi fil-Kapitolu II tar-Regolament XX [Żvilupp reġjonali, Pjan Interreg], kull Stat Membru għandu jorganizza u jimplimenta sħubija komprensiva f'konformità mal-qafas istituzzjonali u legali tiegħu u b'kont meħud tal-ispeċifiċitajiet tal-kapitoli kkonċernati. Dik is-sħubija għandha tinkludi rappreżentanza bbilanċjata tas-sħab li ġejjin:	1. Għall-Pjan SNR u kull kapitolu, u l-kapitolu tal-Pjan Interreg kif imsemmi fil-Kapitolu II tar-Regolament XX [Żvilupp reġjonali, Pjan Interreg], kull Stat Membru għandu jorganizza u jimplimenta sħubija komprensiva***, pubblika u trasparenti*** f'konformità mal-qafas istituzzjonali u legali tiegħu u b'kont meħud tal-ispeċifiċitajiet tal-kapitoli kkonċernati. Dik is-sħubija għandha tinkludi rappreżentanza bbilanċjata tas-sħab li ġejjin:

Emenda 53

Proposta għal regolament

Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) is-sħab ekonomiċi u soċjali, inklużi l-bdiewa, is-sajjieda u l-organizzazzjonijiet tagħhom;	(b) is-sħab ekonomiċi u soċjali, inklużi l-bdiewa, is-sajjieda***, is-sajjieda rikreattivi, il-produtturi tal-akkwakultura*** u l-organizzazzjonijiet tagħhom***, b'attenzjoni partikolari għar-rappreżentanza proporzjonata tal-produtturi u s-sajjieda fuq skala żgħira, u fejn xieraq ir-rappreżentanti tal-komunitajiet kostali***;

Emenda 54

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) il-korpi rilevanti li jirrappreżentaw lis-soċjetà ċivili, bħas-sħab ambjentali, l-organizzazzjonijiet mhux governattivi, l-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ, u l-korpi responsabbli għall-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali, id-drittijiet fundamentali, id-drittijiet tal-persuni b'diżabilità, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u n-nondiskriminazzjoni, l-istituzzjonijiet u l-organizzazzjonijiet nazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem;	(c) il-korpi rilevanti li jirrappreżentaw lis-soċjetà ċivili, bħas-sħab ambjentali ***u tal-benesseri tal-annimali, l-organizzazzjonijiet tal-konsumatur u tas-saħħa pubblika***, l-organizzazzjonijiet mhux governattivi, l-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ, u l-korpi responsabbli għall-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali, id-drittijiet fundamentali, id-drittijiet tal-persuni b'diżabilità, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u n-nondiskriminazzjoni, l-istituzzjonijiet u l-organizzazzjonijiet nazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem;

Emenda 55

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) l-organizzazzjonijiet tar-riċerka u l-universitajiet, fejn ikun xieraq.	(d) l-organizzazzjonijiet tar-riċerka***, ix-xjenzjati*** u l-universitajiet, fejn ikun xieraq.

Emenda 56

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Is-sħubija stabbilita f'konformità mal-paragrafu 1 għandha topera f'konformità mal-prinċipju ta' governanza f'diversi livelli ***u*** approċċ minn isfel għal fuq. L-Istat Membru għandu jinvolvi lis-sħab imsemmija f'kull subparagrafu tal-paragrafu 1 fit-tħejjija tal-Pjan u matul it-tħejjija, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tal-kapitoli, inkluż permezz tal-parteċipazzjoni fil-kumitati ta' monitoraġġ f'konformità mal-Artikolu 55.	2. Is-sħubija stabbilita f'konformità mal-paragrafu 1 għandha topera f'konformità mal-prinċipju ta' governanza f'diversi livelli***,*** approċċ minn isfel għal fuq ***u approċċ trasparenti, f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fid-Direttiva 2003/4/KE***. L-Istat Membru għandu jinvolvi lis-sħab imsemmija f'kull subparagrafu tal-paragrafu 1 fit-tħejjija tal-Pjan u matul it-tħejjija, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tal-kapitoli, inkluż permezz tal-parteċipazzjoni fil-kumitati ta' monitoraġġ f'konformità mal-Artikolu 55.

Emenda 57

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. L-Istati Membri għandhom jagħmlu disponibbli għall-pubbliku dokumenti u informazzjoni relatati mal-organizzazzjoni tas-sħubija u t-tħejjija tal-Pjan.

Emenda 58

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Fir-rigward tas-sħab imsemmija fil-paragrafu 1, il-punt (a), l-Istat Membru għandu jiżgura li l-awtoritajiet kollha kkonċernati mill-kapitoli rilevanti tal-Pjan ikunu rappreżentati b'mod xieraq f'konformità mal-livell territorjali korrispondenti u l-kopertura ġeografika tal-kapitolu, kif xieraq.	4. Fir-rigward tas-sħab imsemmija fil-paragrafu 1, il-punt (a), l-Istat Membru għandu jiżgura li l-awtoritajiet ***u s-sħab*** kollha kkonċernati mill-kapitoli rilevanti tal-Pjan ikunu rappreżentati b'mod xieraq f'konformità mal-livell territorjali korrispondenti u l-kopertura ġeografika tal-kapitolu, kif xieraq.

	Il-Pjanijiet għandhom jinkludu kapitoli reġjonali u territorjali f'konformità mal-qafas istituzzjonali ta' kull Stat Membru. L-awtoritajiet reġjonali u lokali għandhom ikunu involuti mill-qrib fit-tfassil, fl-ipprogrammar, fl-implimentazzjoni, fil-monitoraġġ u fl-evalwazzjoni tal-azzjonijiet li jagħmlu parti mill-kompetenzi u r-responsabbiltajiet rispettivi tagħhom.

Emenda 59

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw l-involviment xieraq tal-awtoritajiet reġjonali u lokali u sħab rilevanti oħra fit-tħejjija, fl-implimentazzjoni, fil-monitoraġġ u fir-reviżjoni tar-riformi u l-investimenti inklużi fil-Pjan fejn dawk ir-riformi u l-investimenti jaffettwaw l-oqsma ta' kompetenza jew responsabbiltà tagħhom, fl-implimentazzjoni tal-Pjan u d-distribuzzjoni tal-kompetenzi u r-responsabbiltajiet bejn l-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali.

Emenda 60

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Mill-inqas darba fis-sena, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw ***sħab*** fil-livell tal-Unjoni dwar l-implimentazzjoni tal-Pjanijiet.	6. Mill-inqas darba fis-sena, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw ***il-firxa sħiħa u d-diversità tas-sħab*** fil-livell tal-Unjoni dwar l-implimentazzjoni tal-Pjanijiet ***u għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-***

eżitu ta' dawk il-konsultazzjonijiet.

Emenda 61

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) il-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" kif stabbilit fl-Artikolu 33(2), il-punt (d), tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, implimentat skont ir-Regolament XX [ir-Regolament dwar il-Prestazzjoni] u r-regolamenti settorjali fejn applikabbli; u r-rekwiżiti tal-protezzjoni ambjentali kif stabbilit fl-Artikolu 11 tat-TFUE;

Emenda 62

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5a. Ir-rekwiżiti, l-istadji importanti u l-miri marbuta mar-riformi u l-investimenti għandhom jitfasslu u jiġu applikati b'mod proporzjonat għall-objettivi segwiti skont il-kapitolu rilevanti tal-Pjan u konsistenti mar-responsabbiltajiet rispettivi tal-awtoritajiet u l-benefiċjarji kkonċernati.

Emenda 63

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 5b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5b. Fl-implimentazzjoni tal-Pjanijiet, l-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom ifittxu li jevitaw effetti sproporzjonati fuq l-awtoritajiet u l-benefiċjarji li mhumiex responsabbli

għall-issodisfar tar-rekwiżiti rilevanti.

Emenda 64

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 2 – punt a – punt ii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(ii) Mill-inqas EUR 295 700 000 000 għall-interventi tal-PAK imsemmija fl-Artikolu 35(1) [tipi ta' appoġġ], il-paragrafu 1, il-punti (a) sa (k) u (r) u l-paragrafu 10 ***u għall-interventi elenkati fl-Artikolu 35, il-paragrafu 11***;	(ii) Mill-inqas EUR 295 700 000 000 għall-interventi tal-PAK imsemmija fl-Artikolu 35(1) [tipi ta' appoġġ], il-paragrafu 1, il-punti (a) sa (k) u (r) u l-paragrafu 10;

Emenda 65

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 2 – punt a – punt iia (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(iia) Mill-inqas EUR 7 290 000 000 għall-interventi tal-PKS elenkati fl-Artikolu XX tar-Regolament (UE) 202X/XXX li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni għall-Politika Komuni tas-Sajd u għall-politika marittima u tal-akkwakultura tal-Unjoni;

Emenda 66

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 2 – punt a – punt iiia (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(iiia) Mill-inqas EUR 7 330 000 000 għal miżuri li jindirizzaw ir-restrizzjonijiet permanenti u strutturali tar-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni rikonoxxuti fl-Artikolu 349 tat-TFUE, f'konformità mal-Artikolu 46 ta' dan ir-Regolament.

Emenda 67

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) EUR ***71 933 000 000*** għandhom jiġu allokati għall-Faċilità msemmija fit-Titolu IV***;***	(b) EUR ***56 080 000 000*** għandhom jiġu allokati għall-Faċilità msemmija fit-Titolu IV***, li minnhom mill-inqas EUR 1 120 000 000 għandhom jiġu allokati għal azzjonijiet li jappoġġaw l-implimentazzjoni tal-PKS, kif stabbilit fl-Anness XV, il-punt (e).***

Emenda 68

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. L-allokazzjonijiet nazzjonali li jikkorrispondu għall-ammont imsemmi fil-paragrafu 2, il-punt (a), il-punt (iia), għandhom jiġu stabbiliti fl-Anness XX [il-pakketti finanzjarji nazzjonali minimi tal-PKS]. Dawk l-allokazzjonijiet għandhom jikkostitwixxu pakketti finanzjarji nazzjonali minimi u ma għandhomx jitnaqqsu, jiġu riallokati jew trasferiti lejn oqsma oħra ta' politika fil-Pjan ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali.

Emenda 69

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 2b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2b. L-allokazzjonijiet minimi stabbiliti fil-paragrafu 2, il-punti (a)(i), (a)(ii), (a)(iia), (a)(iiia) u l-punt (b), it-tieni sentenza, ma għandhomx jitnaqqsu, jiġu riallokati jew trasferiti għal oqsma oħra ta' politika fil-Pjan ta' Sħubija Nazzjonali

u Reġjonali.

Emenda 70

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-Fond għandu jappoġġa wkoll l-assistenza teknika u amministrattiva l-oħra kollha meħtieġa għall-implimentazzjoni u l-ġestjoni tal-Politika Agrikola Komuni u l-Politika Komuni tas-Sajd, inklużi l-miżuri ta' kontroll u infurzar tas-sajd, il-kontrolli tas-suq, il-ġbir jew ix-xiri ta' data, inkluża d-data satellitari, id-data ġeospazjali u d-data meteoroloġika, il-monitoraġġ tar-riżorsi, l-iżvilupp u l-manutenzjoni taċ-ċertifikazzjoni elettronika ta' prodotti organiċi u s-sistemi korporattivi relatati tat-teknoloġija tal-informazzjoni, l-iżvilupp, ir-reġistrazzjoni u l-protezzjoni tal-indikazzjonijiet, l-abbrevjazzjonijiet u s-simboli li jirreferu għall-iskemi tal-kwalità tal-Unjoni u l-kontribuzzjonijiet skont ftehimiet internazzjonali.	2. Il-Fond għandu jappoġġa wkoll l-assistenza teknika u amministrattiva l-oħra kollha meħtieġa għall-implimentazzjoni u l-ġestjoni tal-Politika Agrikola Komuni u l-Politika Komuni tas-Sajd, inklużi l-miżuri ta' kontroll u infurzar tas-sajd, ***il-monitoraġġ elettroniku mill-bogħod,*** il-kontrolli tas-suq, il-ġbir jew ix-xiri ta' data, inkluża d-data satellitari***, it-telerilevament***, id-data ġeospazjali u d-data meteoroloġika ***biex jiġu analizzati, immudellati u viżwalizzati l-karatteristiċi temporali u spazjali tal-varjabbli***, il-monitoraġġ tar-riżorsi ***u l-kwalità tal-ambjent***, l-iżvilupp u l-manutenzjoni taċ-ċertifikazzjoni elettronika ta' prodotti organiċi u s-sistemi korporattivi relatati tat-teknoloġija tal-informazzjoni, l-iżvilupp, ir-reġistrazzjoni u l-protezzjoni tal-indikazzjonijiet, l-abbrevjazzjonijiet u s-simboli li jirreferu għall-iskemi tal-kwalità tal-Unjoni u l-kontribuzzjonijiet skont ftehimiet internazzjonali.

Emenda 71

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-Kummissjoni għandha tiddiżimpenja kwalunkwe ammont fi Pjan SNR u fil-kapitolu tal-Pjan Interreg li ma jkunx intuża għall-prefinanzjament, f'konformità mal-Artikolu 17 [prefinanzjament] jew li għalih ma tkunx ġiet ippreżentata applikazzjoni għall-	1. Il-Kummissjoni għandha tiddiżimpenja kwalunkwe ammont fi Pjan SNR u fil-kapitolu tal-Pjan Interreg li ma jkunx intuża għall-prefinanzjament, f'konformità mal-Artikolu 17 [prefinanzjament] jew li għalih ma tkunx ġiet ippreżentata applikazzjoni għall-

pagament f'konformità mal-Artikoli 65 [sottomissjoni u valutazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-pagament], sal-31 ta' ***Ottubru tas-sena*** kalendarja ta' wara s-sena tal-impenji baġitarji.	pagament f'konformità mal-Artikoli 65 [sottomissjoni u valutazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-pagament], sal-31 ta' ***Diċembru tat-tielet sena*** kalendarja ta' wara s-sena tal-impenji baġitarji.

Emenda 72

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 1 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) 15 % għar-reġjuni ultraperiferiċi msemmija fl-Artikolu 349 tat-TFUE;

Emenda 73

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Ma għandha tintalab l-ebda kontribuzzjoni nazzjonali għall-interventi msemmija fl-Artikolu 35, il-punti (a), (b), (c) u (g). Ma għandu jiġi pprovdut l-ebda finanzjament nazzjonali addizzjonali għal dawk l-interventi. ***Kwalunkwe rata ta' kontribuzzjoni li tidderoga minn dawk tal-paragrafu 1 stabbilita għall-interventi msemmija fit-Titolu V, inkluż fejn ma tintalab l-ebda kontribuzzjoni nazzjonali, għandha tapplika biss għal ammont totali ta' interventi li ma jaqbiżx is-sehem tal-Istat Membru tal-ammont stabbilit fl-Artikolu 10(2), il-punt (a)(ii), kif stabbilit fl-Anness I.***	4. Ma għandha tintalab l-ebda kontribuzzjoni nazzjonali għall-interventi msemmija fl-Artikolu 35, il-punti (a), (b), (c) u (g). Ma għandu jiġi pprovdut l-ebda finanzjament nazzjonali addizzjonali għal dawk l-interventi.

Emenda 74

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

4a. B'deroga mill-paragrafu 1, għall-interventi li jappoġġaw l-implimentazzjoni tal-Politika Komuni tas-Sajd, ir-rata minima tal-kontribuzzjoni nazzjonali għall-kostijiet stmati ta' miżura tal-Pjan ma għandhiex tkun inqas minn 30 %, ħlief għall-kumpens għall-kostijiet addizzjonali fir-reġjuni ultraperiferiċi, li għalihom ma għandha tkun meħtieġa l-ebda kontribuzzjoni nazzjonali.

Emenda 75

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 4b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4b. Kwalunkwe rata ta' kontribuzzjoni li tidderoga minn dawk tal-paragrafu 1 stabbilita għall-interventi għall-implimentazzjoni tal-PKS inkluż fejn ma tintalab l-ebda kontribuzzjoni nazzjonali, għandha tapplika biss għal ammont totali ta' interventi li ma jaqbiżx is-sehem tal-Istat Membru tal-ammonti stabbiliti fl-Artikolu 10(2), il-punt (a)(ii) u l-punt (a)(iia), kif stabbilit fl-Anness I u l-Anness [XX].

Emenda 76

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 4c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4c. L-Istati Membri jistgħu jippermettu kofinanzjament privat ta' interventi appoġġati fl-ambitu tal-Pjan, dment li tali kontribuzzjonijiet ikunu trasparenti, traċċabbli, jikkonformaw mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat u jikkontribwixxu għall-objettivi tal-kapitolu rilevanti tal-Pjan u għall-iżvilupp territorjali fit-tul.

Emenda 77

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Kull Stat Membru għandu jħejji u jimplimenta l-Pjan fi sħubija mas-sħab kif stabbilit fl-Artikolu 6 [Sħubija], inklużi l-awtoritajiet reġjonali u lokali, u f'konformità mal-qafas istituzzjonali, legali u finanzjarju tagħhom. Il-Pjan għandu jinkludi kapitoli nazzjonali, settorjali u, fejn rilevanti, reġjonali u territorjali.	2. Kull Stat Membru għandu jħejji u jimplimenta l-Pjan fi sħubija mas-sħab kif stabbilit fl-Artikolu 6 [Sħubija], inklużi l-awtoritajiet reġjonali u lokali, u f'konformità mal-qafas istituzzjonali, legali u finanzjarju tagħhom. Il-Pjan għandu jinkludi kapitoli nazzjonali, settorjali u, fejn rilevanti, reġjonali u territorjali. ***It-tħejjija tal-kapitoli reġjonali u territorjali għandhom ikunu obbligatorji, u jinvolvu l-awtoritajiet reġjonali u territorjali kompetenti, f'konformità mal-qafas istituzzjonali tal-Istat Membru kkonċernat, abbażi tal-prinċipju tas-sħubija u l-governanza f'diversi livelli stabbilit fl-Artikolu 6. Fejn applikabbli, il-miżuri li jappartjenu għar-reġjuni ultraperiferiċi għandhom jiġu stabbiliti f'kapitolu speċifiku tal-Pjan.***

Emenda 78

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) jappoġġa l-objettivi ġenerali stabbiliti fl-Artikolu 2 u jikkontribwixxi b'mod komprensiv u adegwat għall-objettivi speċifiċi kollha stabbiliti fl-Artikolu 3, b'kont meħud tal-isfidi speċifiċi tal-Istat Membru kkonċernat, u jipprovdi strateġija ta' intervent li turi kif dawk l-objettivi se jiġu indirizzati u ffinanzjati mill-Pjan, liema livell ta' finanzjament huwa meħtieġ biex jiġi żgurat li jintlaħqu l-objettivi ġenerali, u kif dak il-livell ta' finanzjament huwa ġġustifikat. Il-	(a) jappoġġa l-objettivi ġenerali stabbiliti fl-Artikolu 2 u jikkontribwixxi b'mod komprensiv u adegwat għall-objettivi speċifiċi kollha stabbiliti fl-Artikolu 3, b'kont meħud tal-isfidi speċifiċi tal-Istat Membru kkonċernat, u jipprovdi strateġija ta' intervent li turi kif dawk l-objettivi se jiġu indirizzati u ffinanzjati mill-Pjan, liema livell ta' finanzjament huwa meħtieġ biex jiġi żgurat li jintlaħqu l-objettivi ġenerali, u kif dak il-livell ta' finanzjament huwa ġġustifikat. Il-

Pjan SNR ta' Stat Membru b'introjtu nazzjonali gross (ING) *per capita* ta' inqas minn 90 % tal-medja tal-Unjoni għandu juri b'mod partikolari li jikkontribwixxi b'mod adegwat għall-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 3(a), il-punti (vii) u (ix), u l-Artikolu 3(d), il-punt (v).	Pjan SNR ta' Stat Membru b'introjtu nazzjonali gross (ING) *per capita* ta' inqas minn 90 % tal-medja tal-Unjoni għandu juri b'mod partikolari li jikkontribwixxi b'mod adegwat għall-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 3(a), il-punti (vii) u (ix), u l-Artikolu 3(d), il-punt (v). ***Għall-Istati Membri b'żoni kostali, gżejjer, reġjuni ultraperiferiċi jew attivitajiet sinifikanti tas-sajd u tal-akkwakultura, il-Pjan għandu juri b'mod ċar kif jiġi indirizzat l-objettiv speċifiku msemmi fl-Artikolu 3(d)(iv).***

Emenda 79

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt b – punt ii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(ii) f'dokumenti rilevanti oħra adottati jew ivvalutati b'mod uffiċjali mill-Kummissjoni relatati mal-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 3 [objettivi speċifiċi], inklużi r-rakkomandazzjonijiet nazzjonali tal-PAK stabbiliti fl-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 202X/XXXX [ir-Regolament dwar il-PAK], ir-rakkomandazzjonijiet tad-Deċennju Diġitali bbażati fuq l-Artikolu 6 tad-Deċiżjoni li tistabbilixxi l-Programm ta' Politika dwar id-Deċennju Diġitali, ***u l-Pjanijiet*** Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima;	(ii) f'dokumenti rilevanti oħra adottati jew ivvalutati b'mod uffiċjali mill-Kummissjoni relatati mal-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 3 [objettivi speċifiċi], inklużi r-rakkomandazzjonijiet nazzjonali tal-PAK stabbiliti fl-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 202X/XXXX [ir-Regolament dwar il-PAK], ir-rakkomandazzjonijiet tad-Deċennju Diġitali bbażati fuq l-Artikolu 6 tad-Deċiżjoni li tistabbilixxi l-Programm ta' Politika dwar id-Deċennju Diġitali, ***il-Pjanijiet*** Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima***, u l-pjanijiet direzzjonali nazzjonali***;

Emenda 80

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 2 – subparagrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) jipprovdi l-lista u d-deskrizzjoni tal-miżuri miġbura f'kapitoli, inklużi l-objettivi ġenerali u speċifiċi li kull waħda	(c) jipprovdi l-lista u d-deskrizzjoni tal-miżuri miġbura f'kapitoli, inklużi l-objettivi ġenerali u speċifiċi li kull waħda

minnhom issegwi primarjament u l-lista tal-istadji importanti u l-miri previsti, bid-data indikattiva tat-tlestija tagħhom matul il-perjodu ta' programmazzjoni, inklużi l-miżuri addizzjonali u l-istadji importanti u l-miri relatati f'każ li l-Istat Membru kkonċernat jitlob appoġġ fil-forma ta' self. Il-miżuri marbuta mal-PAK għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fit-Titolu V [PAK] u r-Regolament (UE) 202X/XXXX [ir-Regolament dwar il-PAK] u r-Regolament (UE) 202X/XXXX [OKS] u dawk marbuta mal-Politika Komuni tas-Sajd mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu XX tar-Regolament XX [PKS]. ***L-indikaturi proposti għall-miri għandhom ikunu bbażati fuq l-indikaturi tal-output elenkati fl-Anness I tar-Regolament (UE) 202X/XXXX [ir-Regolament dwar il-Prestazzjoni] ħlief fejn ikun debitament ġustifikat;***	minnhom issegwi primarjament u l-lista tal-istadji importanti u l-miri previsti, bid-data indikattiva tat-tlestija tagħhom matul il-perjodu ta' programmazzjoni, inklużi l-miżuri addizzjonali u l-istadji importanti u l-miri relatati f'każ li l-Istat Membru kkonċernat jitlob appoġġ fil-forma ta' self. ***L-Istat Membru għandu jispjega kif ir-riformi u l-investimenti jikkontribwixxu għall-kisba tal-objettivi u l-prinċipji stabbiliti f'dan ir-Regolament.*** Il-miżuri marbuta mal-PAK għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fit-Titolu V [PAK] u r-Regolament (UE) 202X/XXXX [ir-Regolament dwar il-PAK] u r-Regolament (UE) 202X/XXXX [OKS] u dawk marbuta mal-Politika Komuni tas-Sajd mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu XX tar-Regolament XX [PKS].

Emenda 81

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 2– subparagrafu 2 – punt f – punt iii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(iii) jiffoka fuq il-ħtiġijiet speċifiċi tar-reġjuni tal-fruntiera, ir-reġjuni tat-Tramuntana skarsament popolati, iż-żoni rurali u urbani, iż-żoni affettwati mit-tranżizzjoni industrijali, il-gżejjer, li għandhom jiġu rrappurtati fl-Anness V abbażi tal-metodoloġija stabbilita fl-Anness VII;	(iii) jiffoka fuq il-ħtiġijiet speċifiċi tar-reġjuni tal-fruntiera, ir-reġjuni tat-Tramuntana skarsament popolati, iż-żoni rurali u urbani, ***iż-żoni kostali,*** iż-żoni affettwati mit-tranżizzjoni industrijali, il-gżejjer, li għandhom jiġu rrappurtati fl-Anness V abbażi tal-metodoloġija stabbilita fl-Anness VII;

Emenda 82

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 2– subparagrafu 2 – punt f – punt iv

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(iv) isaħħaħ l-iżvilupp ekonomiku u soċjali tar-reġjuni ultraperiferiċi***;*** li ***għandu***	(iv) isaħħaħ l-iżvilupp ekonomiku u soċjali tar-reġjuni ultraperiferiċi ***u***

jiġi stabbilit f'miżuri ddedikati għat-territorji kkonċernati f'konformità mal-Artikolu 46;	***jindirizza r-restrizzjonijiet strutturali permanenti u l-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom,*** li ***għandhom jiġu stabbiliti*** f'miżuri ddedikati għat-territorji kkonċernati f'konformità mal-Artikolu 46 ***u appoġġati mir-riżorsi msemmija fl-Artikolu 10, il-paragrafu 2, il-punt a, is-subpunt (iiia)***;

Emenda 83

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 2– subparagrafu 2 – punt g – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(i) l-appoġġ għat-tiġdid ġenerazzjonali fis-settur agrikolu, f'konformità mal-Artikolu 8 tar-Regolament XX [PAK, tiġdid ġenerazzjonali]***, *kif ukoll fis-settur tas-sajd u tal-akkwakultura***;	(i) l-appoġġ għat-tiġdid ġenerazzjonali fis-settur agrikolu, f'konformità mal-Artikolu 8 tar-Regolament XX [PAK, tiġdid ġenerazzjonali];

Emenda 84

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 2– subparagrafu 2 – punt g – punt ii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(ii) miżuri soċjali f'konformità mal-Anness VI [allokazzjonijiet soċjali]**.**	(ii) miżuri soċjali f'konformità mal-Anness VI [allokazzjonijiet soċjali]**,** ***inklużi miżuri li jappoġġaw il-parteċipazzjoni tan-nisa fis-setturi tal-agrikoltura, tas-sajd u tal-akkwakultura;***

Emenda 85

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 2– subparagrafu 2 – punt g – punt iii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(iii) l-appoġġ għas-sajd, l-akkwakultura u l-attivitajiet marittimi, inkluż is-sajd fuq skala żgħira, l-implimentazzjoni tal-PKS kif stabbilit fir-Regolament EU XX [PKS] kif ukoll il-Patt	***imħassar***

Ewropew dwar l-Oċeani f'konformità mal-Anness V [il-mudell tal-Pjan].

Emenda 86

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 2– subparagrafu 2 – punt ga (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ga) jalloka riżorsi għal:
	(i) l-appoġġ għall-attivitajiet tas-sajd u tal-akkwakultura u l-implimentazzjoni tal-PKS kif stabbilit fir-Regolament UE XX [PKS], inkluż l-appoġġ għal azzjonijiet li jikkontribwixxu għall-konservazzjoni u l-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi tal-baħar u marittimi, u għat-tisħiħ tal-iżvilupp sostenibbli, ir-reżiljenza u l-benesseri tal-komunitajiet kostali u tal-gżejjer, l-effiċjenza enerġetika, l-innovazzjoni, it-tekniki tas-sajd selettivi, is-sikurezza tal-flotta u l-kundizzjonijiet tax-xogħol, it-tiġdid tal-flotta, l-appoġġ għall-ktajjen tal-ipproċessar u tal-valur, u, fejn meħtieġ, l-appoġġ għall-ġbir tad-data, il-miżuri ta' kontroll u infurzar limitati għal dawk meħtieġa għall-Istati Membri biex jissodisfaw l-obbligi tagħhom skont l-acquis applikabbli tal-Unjoni dwar is-sajd, b'mod partikolari r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 u (KE) Nru 1005/2008, ir-Regolament (UE) 2017/1004 u r-Regolament (UE) Nru 1380/2013, li jikkomplementaw l-appoġġ ipprovdut fl-ambitu tal-Faċilità tal-UE; f'konformità mal-Anness V [il-mudell tal-Pjan];
	(ii) l-appoġġ għat-tiġdid ġenerazzjonali fis-settur tas-sajd u tal-akkwakultura f'konformità mal-Artikolu X tar-Regolament UE XX [PKS, tiġdid ġenerazzjonali];
	(iii) l-appoġġ għas-sajd kostali fuq skala żgħira, inkluż is-sajd b'impatt baxx, u l-akkwakultura sostenibbli, inklużi sistemi

	tal-akkwakultura b'livell trofiku baxx, riġenerattivi u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, fejn rilevanti;

Emenda 87

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 2– subparagrafu 2 – punt h – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(i) il-promozzjoni tal-użu ta' interventi ta' kooperazzjoni kif imsemmija fl-Artikolu 74 [interventi ta' kooperazzjoni], inkluż investiment territorjali integrat fl-ibliet, fiż-żoni urbani, rurali u kostali, l-iżvilupp lokali mmexxi mill-komunità, jew għodod territorjali oħra inklużi tranżizzjoni ġusta u strateġiji ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti, kif ukoll LEADER kif imsemmi fl-Artikolu 77 [LEADER];	(i) il-promozzjoni tal-użu ta' interventi ta' kooperazzjoni kif imsemmija fl-Artikolu 74 [interventi ta' kooperazzjoni], inkluż investiment territorjali integrat fl-ibliet, fiż-żoni urbani, rurali u kostali, l-iżvilupp lokali mmexxi mill-komunità, ***inklużi l-Gruppi ta' Azzjoni Lokali tas-Sajd,*** jew għodod territorjali oħra inklużi tranżizzjoni ġusta u strateġiji ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti, kif ukoll LEADER kif imsemmi fl-Artikolu 77 [LEADER];

Emenda 88

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 2– subparagrafu 2 – punt h – punt iii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(iii) l-oqsma ta' prijorità ambjentali u klimatiċi stabbiliti fl-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 202X/XXXX [***PAK - Oqsma ta' prijorità ambjentali u klimatiċi]***.	(iii) l-oqsma ta' prijorità ambjentali u klimatiċi stabbiliti fl-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 202X/XXXX [***ir-Regolament dwar il-PAK] u, fejn rilevanti, l-objettivi tal-Politika Komuni tas-Sajd dwar il-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar***.

Emenda 89

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 2– subparagrafu 2 – punt h – punt iiia (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

	(iiia) il-promozzjoni ta' attivitajiet marittimi, kif prevista fir-Regolament (UE) [ir-Regolament PKS (UE) 202X/XXX li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni għall-Politika Komuni tas-Sajd u għall-politika marittima u tal-akkwakultura tal-Unjoni], ekonomija sostenibbli, kompetittiva u blu, inkluż l-ekonomija blu riġenerattiva u l-politika tal-UE dwar l-oċeani;

Emenda 90

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 2– subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
B'deroga mill-paragrafu 1, il-Kummissjoni tista' titlob lill-Istati Membri biex jikkontribwixxu perċentwal minimu aktar baxx jew ogħla tal-allokazzjoni totali tal-pjan għall-objettivi klimatiċi u ambjentali. Il-perċentwal speċifiku għandu jiġi stabbilit mill-Kummissjoni fil-kuntest tal-approvazzjoni tal-Pjan SNR.	***imħassar***

Emenda 91

Proposta għal regolament
Artikolu 25 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) is-sitwazzjoni soċjoekonomika tal-Istat Membru jew tar-reġjun ikkonċernat, b'enfasi speċjali fuq il-ħtiġijiet territorjali, b'kont meħud ta' kwalunkwe żvilupp finanzjarju, ekonomiku jew soċjali negattiv kbir;	(b) is-sitwazzjoni soċjoekonomika tal-Istat Membru jew tar-reġjun ikkonċernat, b'enfasi speċjali fuq il-ħtiġijiet territorjali, ***inkluż f'reġjuni kostali, insulari u ultraperiferiċi,*** b'kont meħud ta' kwalunkwe żvilupp finanzjarju, ekonomiku jew soċjali negattiv kbir***, kif ukoll ta' kwalunkwe żvilupp klimatiku u ambjentali li qed jaffettwa lill-Istat Membru jew lir-reġjun ikkonċernat b'konsegwenzi soċjali u ekonomiċi kbar***;

Emenda 92

Proposta għal regolament
Artikolu 26 – paragrafu 4 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) EUR ***63 223 000 000 biljun*** għal azzjonijiet tal-Unjoni, inkluża x-Xibka ta' Sikurezza fl-Għaqda kif imsemmija fil-paragrafu 1, il-punt (j) tal-Anness XV [Azzjonijiet tal-Unjoni], azzjonijiet tal-Unjoni kif imsemmija fil-paragrafu 1, il-punt (l) tal-Anness XV (Azzjonijiet tal-Unjoni appoġġati mill-Faċilità tal-UE, azzjonijiet għall-affarijiet interni), l-azzjonijiet ta' appoġġ għal LIFE kif imsemmija fil-paragrafu 1, il-punt (n) tal-Anness XV [Azzjonijiet tal-Unjoni], Azzjonijiet ta' Solidarjetà kif imsemmija fil-paragrafu 1, il-punt (i) tal-Anness XV [Azzjonijiet tal-Unjoni] appoġġati mill-Faċilità tal-UE;	(a) EUR ***56 080 000 000*** għal azzjonijiet tal-Unjoni, inkluża x-Xibka ta' Sikurezza fl-Għaqda kif imsemmija fil-paragrafu 1, il-punt (j) ***tal-Anness XV [Azzjonijiet tal-Unjoni], u x-Xibka ta' Sikurezza għas-Sajd kif imsemmija fil-paragrafu 1, il-punt (j)(a)*** tal-Anness XV [Azzjonijiet tal-Unjoni], azzjonijiet tal-Unjoni kif imsemmija fil-paragrafu 1, il-punt (l) tal-Anness XV (Azzjonijiet tal-Unjoni appoġġati mill-Faċilità tal-UE, azzjonijiet għall-affarijiet interni), l-azzjonijiet ta' appoġġ għal LIFE kif imsemmija fil-paragrafu 1, il-punt (n) tal-Anness XV [Azzjonijiet tal-Unjoni], Azzjonijiet ta' Solidarjetà kif imsemmija fil-paragrafu 1, il-punt (i) tal-Anness XV [Azzjonijiet tal-Unjoni] appoġġati mill-Faċilità tal-UE ***u mill-inqas EUR 1 120 000 000 għall-azzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1, il-punt (e) tal-Anness XV [Azzjonijiet relatati mal-PKS] b'mod partikolari għall-ġbir tad-data, il-kontrolli u l-infurzar***;

Emenda 93

Proposta għal regolament
Artikolu 34 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri jistgħu jitolbu li jemendaw il-Pjanijiet SNR f'konformità mal-Artikolu 24 [Emenda tal-pjan] biex jipprovdu appoġġ għal miżuri ta' natura simili għal dawk imsemmija fil-paragrafu 1, il-punt (i), tal-Anness XV [***dižastri naturali***], kif ukoll biex jipprovdu pagamenti ta' kriżi	L-Istati Membri jistgħu jitolbu li jemendaw il-Pjanijiet SNR f'konformità mal-Artikolu 24 [Emenda tal-pjan] biex jipprovdu appoġġ għal miżuri ta' natura simili għal dawk imsemmija fil-paragrafu 1, il-punt (i), tal-Anness XV [***Sitwazzjonijiet ta' kriżi***], kif ukoll biex jipprovdu pagamenti

lill-bdiewa li jkunu affettwati minn diżastri naturali u biex jappoġġaw investimenti fir-restawr tal-potenzjal agrikolu, dment li dawn kienu rikonoxxuti bħala tali minn awtorità pubblika kompetenti tal-Istat Membru.	ta' kriżi lill-bdiewa***, lis-sajjieda, lill-produtturi tal-akkwakultura u lill-operaturi tal-industrijali tal-ikel akkwatiku*** li jkunu affettwati minn diżastri naturali ***jew sitwazzjonijiet oħra ta' kriżi*** u biex jappoġġaw investimenti fir-restawr tal-potenzjal agrikolu***, tas-sajd u tal-akkwakultura***, dment li dawn kienu rikonoxxuti bħala tali minn awtorità pubblika kompetenti tal-Istat Membru.

Emenda 94

Proposta għal regolament
Artikolu 34 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Stat Membru jista' jipprovdi pagamenti ta' kriżi lill-bdiewa biss jekk:	Stat Membru jista' jipprovdi pagamenti ta' kriżi lill-bdiewa***, lis-sajjieda, lill-produtturi tal-akkwakultura u lill-industrija tal-frott tal-baħar*** biss jekk:

Emenda 95

Proposta għal regolament
Artikolu 34 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-awtorità kompetenti tiegħu tkun irrikonoxxiet formalment li seħħ diżastru naturali, event klimatiku avvers ***jew*** event katastrofiku, kif definit mill-Istat Membru;	(a) l-awtorità kompetenti tiegħu tkun irrikonoxxiet formalment li seħħ diżastru naturali, event klimatiku avvers**,** event katastrofiku ***jew sitwazzjoni oħra ta' kriżi***, kif definit mill-Istat Membru;

Emenda 96

Proposta għal regolament
Artikolu 35 – paragrafu 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
11. L-interventi tal-Politika Komuni tas-Sajd jinkludu	***imħassar***

(a) appoġġ għas-sajd sostenibbli u r-restawr u l-konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi akkwatiċi, it-tranżizzjoni enerġetika tas-sajd u l-akkwakultura kif ukoll azzjonijiet li jtejbu s-sikurezza;

(b) appoġġ għall-innovazzjoni għal attivitajiet tas-sajd aktar selettivi u għall-konservazzjoni, il-protezzjoni u r-restawr tal-bijodiversità u tal-ekosistemi akkwatiċi;

(c) appoġġ għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Suq (OKS);

(d) appoġġ lis-sajjieda jew lill-produtturi tal-akkwakultura għall-kumpens lill-operaturi tas-settur tas-sajd u tal-akkwakultura għall-introjtu mitluf tagħhom jew għall-kostijiet addizzjonali u l-kumpens lill-organizzazzjonijiet tal-produtturi u lill-assoċjazzjonijiet tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi rikonoxxuti li jaħżnu l-prodotti tas-sajd elenkati fl-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 1379/2013, dment li dawk il-prodotti jinħażnu f'konformità mal-Artikoli 30 u 31 ta' dak ir-Regolament.

Emenda 97

Proposta għal regolament
Artikolu 38

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 38	***imħassar***
Pagamenti ta' kriżi lill-bdiewa wara diżastri naturali, eventi klimatiċi avversi u eventi katastrofiċi	
1. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu pagamenti ta' kriżi lill-bdiewa li jkunu affettwati minn diżastri naturali, eventi klimatiċi avversi jew eventi katastrofiċi. Dawk il-pagamenti għandu jkollhom l-għan li jiżguraw il-kontinwità tal-attività agrikola ta' dawk il-bdiewa u għandhom ikunu soġġetti għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u kif speċifikat	

aktar mill-Istati Membri.

2. L-appoġġ skont dan l-Artikolu għandu jkun soġġett għar-rikonoxximent formali mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li jkun seħħ diżastru naturali, event klimatiku avvers jew event katastrofiku, kif definit mill-Istat Membru, u li dawn l-eventi, jew il-miżuri adottati f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/2031 biex jiġu eradikati jew ikkontrollati mard tal-pjanti jew pesti, jew il-miżuri adottati għall-prevenzjoni jew l-eradikazzjoni tal-mard tal-annimali elenkat fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1882 jew il-miżuri adottati fir-rigward ta' marda emerġenti f'konformità mal-Artikolu 6(3) u l-Artikolu 259 tar-Regolament (UE) 2016/429 ikunu kkawżaw ħsara li tkun irriżultat fil-qerda ta' mill-inqas 30 % tal-produzzjoni annwali medja tal-bidwi fil-perjodu ta' 3 snin preċedenti jew medja ta' 3 snin ibbażata fuq il-perjodu ta' 5 snin preċedenti, esklużi l-ogħla entrata u dik l-aktar baxxa.

3. It-telf għandu jiġi kkalkulat jew fil-livell tal-azjenda, fil-livell tal-attività tal-azjenda fis-settur ikkonċernat jew fir-rigward taż-żona speċifika kkonċernata.

4. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-rati ta' appoġġ applikabbli għall-kumpens tat-telf tal-produzzjoni. Dawk ir-rati għandhom ikunu ogħla għall-bdiewa li jimplimentaw ukoll interventi, jew azzjonijiet preventivi oħra fil-livell tal-azjendi agrikoli, biex inaqqsu l-livell tar-riskji għall-produzzjoni u l-introjtu li għalihom jingħata l-appoġġ. Jistgħu jintużaw indiċijiet għall-kalkolu tat-telf tal-produzzjoni.

5. Meta jagħtu appoġġ skont dan l-Artikolu, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jiġi evitat kumpens żejjed bħala riżultat tal-kombinazzjoni ta' dan l-appoġġ ma' strumenti oħra ta' appoġġ nazzjonali jew tal-Unjoni jew skemi ta' assigurazzjoni privata.

Emenda 98

Proposta għal regolament
Artikolu 46 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri kkonċernati għandhom iħejju, bħala parti mill-Pjan tagħhom, miżuri biex jindirizzaw ir-restrizzjonijiet permanenti u strutturali tar-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni li jirrestringu serjament l-iżvilupp tagħhom, kif rikonoxxut fl-Artikolu 349 tat-TFUE. Il-miżuri ***jistgħu*** jiġu implimentati f'kapitolu ddedikat. Il-miżuri għandhom jindirizzaw l-objettivi li ġejjin:	1. L-Istati Membri kkonċernati għandhom iħejju, bħala parti mill-Pjan tagħhom ***u bl-involviment tal-awtoritajiet reġjonali***, miżuri biex jindirizzaw ir-restrizzjonijiet permanenti u strutturali tar-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni li jirrestringu serjament l-iżvilupp tagħhom, kif rikonoxxut fl-Artikolu 349 tat-TFUE. Il-miżuri ***għandhom*** jiġu implimentati f'kapitolu ddedikat. Il-miżuri għandhom jindirizzaw l-objettivi li ġejjin:

Emenda 99

Proposta għal regolament
Artikolu 46 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) Il-provvediment għall-ħtiġijiet u l-isfidi speċifiċi tagħhom, bħas-sigurtà tal-ikel, l-akkomodazzjoni, ***it-trasport sostenibbli***, il-ġestjoni tal-ilma u l-iskart, l-enerġija, l-impjiegi u l-mobbiltà tal-ħaddiema, b'mod partikolari għaż-żgħażagħ, id-dekarbonizzazzjoni, iċ-ċirkolarità, l-edukazzjoni u l-ħiliet, l-inklużjoni soċjali, il-migrazzjoni, ir-reżiljenza u l-adattament għat-tibdil fil-klima, il-ħarsien tal-ambjent, ***l-ekonomija blu,*** l-aċċess għall-kura tas-saħħa, l-enerġija, it-trasport sostenibbli u l-konnettività diġitali u l-iżvilupp ekonomiku, ***inkluża*** ekonomija blu sostenibbli u ***diversifikata***;	(a) Il-provvediment għall-ħtiġijiet u l-isfidi speċifiċi tagħhom, bħas-sigurtà ***u s-sovranità*** tal-ikel, l-akkomodazzjoni, ***l-aċċessibbiltajiet***, il-ġestjoni tal-ilma u l-iskart, l-enerġija, l-impjiegi u l-mobbiltà tal-ħaddiema, b'mod partikolari għaż-żgħażagħ, id-dekarbonizzazzjoni, iċ-ċirkolarità, l-edukazzjoni***, ir-riċerka*** u l-ħiliet, l-inklużjoni soċjali, il-migrazzjoni, ir-reżiljenza u l-adattament għat-tibdil fil-klima, il-ħarsien tal-ambjent, l-aċċess għall-kura tas-saħħa, l-enerġija, it-trasport sostenibbli u l-konnettività diġitali u l-iżvilupp ekonomiku, ***inklużi sajd, akkwakultura u*** ekonomija blu sostenibbli u ***diversifikati***;

Emenda 100

Proposta għal regolament
Artikolu 46 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) l-iżgurar tal-futur u l-iżvilupp fit-tul tal-agrikoltura, is-sajd u l-akkwakultura, inklużi l-produzzjoni, l-ipproċessar, il-kummerċjalizzazzjoni u l-bejgħ ta' għelejjel u prodotti lokali, u d-diversifikazzjoni tal-produzzjoni tal-ikel, b'enfasi partikolari fuq is-sigurtà tal-ikel ***u*** l-awtosuffiċjenza, u ż-żamma u t-tisħiħ tal-kompetittività tagħhom.	(c) l-iżgurar tal-futur u l-iżvilupp ***sostenibbli*** fit-tul tal-agrikoltura, is-sajd u l-akkwakultura***,b'attenzjoni speċjali fuq is-sajd kostali fuq skala żgħira,*** inklużi l-produzzjoni, l-ipproċessar, il-kummerċjalizzazzjoni u l-bejgħ ta' għelejjel u prodotti lokali, u d-diversifikazzjoni tal-produzzjoni tal-ikel ***u l-ikel akkwatiku***, b'enfasi partikolari fuq is-sigurtà ***u s-sovranità*** tal-ikel, l-awtosuffiċjenza, u ż-żamma u t-tisħiħ tal-kompetittività tagħhom***, flimkien ma' miżuri meħuda fl-ambitu tar-Regolament XXX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill "li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni għall-Politika Komuni tas-Sajd, għall-Patt Ewropew għall-Oċeani u għall-politika marittima u għall-politika tal-akkwakultura tal-Unjoni bħala parti mill-Fond għas-Shubijiet Nazzjonali u Reġjonali stabbilit fir-Regolament (UE) […] [il-Fond SNR] għall-perjodu mill-2028 sal-2034"***.

Emenda 101

Proposta għal regolament
Artikolu 46 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) ***Il-promozzjoni*** ta' kundizzjonijiet ekwi għall-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura mir-reġjuni ultraperiferiċi	(c) ***l-appoġġ għat-tiġdid tal-flotta u l-promozzjoni*** ta' kundizzjonijiet ekwi għall-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura mir-reġjuni ultraperiferiċi***;***

Emenda 102

Proposta għal regolament
Artikolu 46 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Ammont minimu ta' EUR 400 000 000 (fi prezzijiet attwali) għandu jiġi allokat biex jappoġġa s-sajd, l-akkwakultura u l-ekonomija blu sostenibbli fir-reġjuni ultraperiferiċi.
	Din l-allokazzjoni għandha titqassam bejn l-Istati Membri kkonċernati kif ġej:
	(a) EUR 129 504 995 għall-Azores u Madeira;
	(b) EUR 104 109 720 għall-Gżejjer Kanarji;
	(c) EUR 166 385 283 għar-reġjuni ultraperiferiċi ta' Franza.

Emenda 103

Proposta għal regolament
Artikolu 47 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***Jistgħu*** jiġu stabbiliti arranġamenti speċifiċi ta' provvista għall-prodotti elenkati fl-Anness I tat-TFUE li huma essenzjali fir-reġjuni ultraperiferiċi għall-konsum mill-bniedem, għall-manifattura ta' prodotti oħra jew bħala inputs agrikoli.	1. ***Għandhom*** jiġu stabbiliti arranġamenti speċifiċi ta' provvista għall-prodotti elenkati fl-Anness I tat-TFUE li huma essenzjali fir-reġjuni ultraperiferiċi għall-konsum mill-bniedem, għall-manifattura ta' prodotti oħra ***għas-sajd*** jew bħala inputs agrikoli***, skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament UE XX PKS, ir-Regolament UE 202X/XX***.

Emenda 104

Proposta għal regolament
Artikolu 48a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 48a
	Programm tas-Sajd u l-Akkwakultura ta' Soluzzjonijiet Speċifiċi Relatati mal-Periferiċità u l-Insularità għar-reġjuni

ultraperiferiċi

1. Il-koleġiżlaturi għandhom jadottaw Programm speċifiku ta' Soluzzjonijiet Speċifiċi Relatati mal-Periferiċità u l-Insularità ("il-Programm POSEI"), biex jappoġġaw is-sajd u l-akkwakultura fir-reġjuni ultraperiferiċi msemmija fl-Artikolu 349 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, biex jindirizzaw id-diffikultajiet li jirriżultaw mill-periferiċità, l-insularità, id-daqs żgħir, it-topografija u l-klima diffiċli tagħhom, kif ukoll id-dipendenza ekonomika tagħhom fuq għadd limitat ta' prodotti.

2. L-objettivi u t-tipi ta' intervent fl-ambitu ta' dan il-Programm huma definiti fl-Artikolu XX tar-Regolament (UE) 202X/XXX li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni għall-Politika Komuni tas-Sajd, għall-politiki tal-Unjoni dwar l-oċeani u għall-politika marittima u tal-akkwakultura tal-Unjoni. B'mod partikolari, dawk il-miżuri għandu jkollhom l-għan li:

(a) jiżguraw il-provvista fir-reġjuni ultraperifieriċi ta' prodotti essenzjali tas-sajd u l-akkwakultura maħsuba għall-konsum mill-bniedem jew għall-ipproċessar, kif ukoll inputs meħtieġa għall-attivitajiet tas-sajd, billi jitnaqqsu l-kostijiet addizzjonali marbuta mas-sitwazzjoni tagħhom bħala reġjuni ultraperiferiċi, mingħajr ma jiġu affettwati ħażin il-produzzjoni lokali jew l-iżvilupp tagħha;

(b) iżommu u jiżviluppaw, b'mod sostenibbli, il-katina tal-provvista tas-sajd u l-akkwakultura, inkluż l-produzzjoni, l-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti lokali;

(c) jikkontribwixxu, fejn xieraq, għall-finanzjament tat-tiġdid tal-flotot tas-sajd f'dawn ir-reġjuni.

3. Il-Programm għandu jinkludi:

(a) skeda ta' żmien ta' implimentazzjoni u tabella finanzjarja annwali indikattiva li tiġbor fil-qosor ir-riżorsi li għandhom jiġu utilizzati;

(b) prova tal-kompatibbiltà u l-konsistenza bejn il-miżuri differenti fl-ambitu tal-Programm, u l-kriterji u l-indikaturi kwantitattivi użati għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni;

(c) dispożizzjonijiet li jiżguraw l-implimentazzjoni effettiva;

(d) il-ħatra ta' awtoritajiet u korpi kompetenti responsabbli mill-implimentazzjoni tal-Programm, u l-ħatra, fil-livelli xierqa, ta' awtoritajiet jew korpi assoċjati u sħab soċjoekonomiċi, kif ukoll ir-riżultati tal-konsultazzjonijiet li jsiru. Il-miżuri proposti mill-Istati Membri fil-Programm tagħhom għar-reġjun ultraperiferiku rispettiv għandhom jiġu approvati mill-Kummissjoni qabel ma jiġu implimentati.

4. L-Istati Membri jistgħu jagħtu finanzjament addizzjonali għall-implimentazzjoni ta' dan il-Programm. Din l-għajnuna tista' tieħu l-forma ta' għajnuna operatorja fil-produzzjoni, l-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura sabiex jitnaqqsu r-restrizzjonijiet speċifiċi ta' dawn ir-reġjuni. F'dan il-każ, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw l-għajnuna mill-Istat lill-Kummissjoni, li tista' tapprovaha skont dan ir-Regolament fil-kuntest ta' kull programm. L-għajnuna mill-Istat għandha titqies bħala notifikata f'konformità mal-Artikolu 108(3) tat-TFUE.

Emenda 105

Proposta għal regolament
Artikolu 49 – paragrafu 1 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

	Meta l-qafas istituzzjonali jippermetti, l-awtoritajiet reġjonali jistgħu jaġixxu bħala awtoritajiet ta' ġestjoni għall-kapitoli reġjonali tagħhom u jinnegozjaw direttament mal-Kummissjoni.

Emenda 106

Proposta għal regolament
Artikolu 56 – paragrafu 1 – punt ga (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ga) fejn rilevanti, ir-reżiljenza soċjoekonomika tal-komunitajiet dipendenti fuq is-sajd u l-akkwakultura, inkluża s-sitwazzjoni tas-sajd kostali fuq skala żgħira, is-sajd intern u l-attivitajiet tal-ipproċessar kostali.

Emenda 107

Proposta għal regolament
Artikolu 62 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Bħala parti mill-kontrolli msemmija fl-Artikolu 58 [Responsabbiltajiet tal-Istati Membri], l-Istati Membri għandhom jivverifikaw il-konformità tal-benefiċjarji mar-rekwiżiti tal-intendenza tal-azjendi agrikoli msemmija fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 202X/XXXX [ir-Regolament dwar il-PAK] u mal-Artikolu XX, il-paragrafu XX, tar-Regolament (UE) 202X/XXXX [ir-Regolament PKS].	***imħassar***
Fejn l-erja eliġibbli għall-appoġġ imsemmi fl-ewwel subparagrafu, kif iddikjarata fl-applikazzjoni ġeospazjali msemmija fl-Artikolu 70 [SIAK], ma taqbiżx l-10 ettari, il-benefiċjarji għandhom ikunu eżentati mill-kontrolli u l-penali skont dan l-Artikolu.	
Fejn benefiċjarju jkun intgħażel għal	

verifika fuq il-post dwar applikazzjoni għall-għajnuna jew dwar talba għall-pagament, l-Istati Membri għandhom, sa fejn ikun possibbli u b'kont meħud tar-riskji assoċjati, ma jagħżlux lil dak il-benefiċjarju għal kampjun ta' verifika u kontroll sussegwenti għal dik is-sena, ħlief meta ċ-ċirkostanzi jirrikjedu aktar minn verifika waħda fuq il-post sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni effettiva tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni. Din id-dispożizzjoni ma għandhiex tnaqqas il-livell tal-verifiki.

Emenda 108

Proposta għal regolament
Artikolu 62 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri għandhom jagħmlu użu mis-sistemi ta' kontroll u infurzar tagħhom fl-oqsma tal-klima u l-ambjent, is-saħħa pubblika, is-saħħa tal-pjanti u l-benesseri tal-annimali, il-leġiżlazzjoni soċjali u dwar l-impjiegi, l-istandards tax-xogħol applikabbli, is-sajd u l-akkwakultura biex jiżguraw li l-benefiċjarji tal-appoġġ jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fl-ewwel paragrafu.	***imħassar***

Emenda 109

Proposta għal regolament
Artikolu 62 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-awtorità ta' ġestjoni jew l-aġenzija tal-pagamenti għandha tiġi nnotifikata, fejn ikun rilevanti, mill-inqas darba fis-sena b'każijiet ta' nuqqas ta' konformità fejn ikunu ttieħdu deċiżjonijiet infurzabbli f'dak ir-rigward skont is-sistemi ta' kontroll u infurzar	***imħassar***

applikabbli msemmija fil-paragrafu 2. Dik in-notifika għandha tinkludi valutazzjoni u gradazzjoni tas-severità, il-firxa, il-permanenza jew l-okkorrenza mill-ġdid u l-intenzjonalità tan-nuqqas ta' konformità kkonċernat.

Emenda 110

Proposta għal regolament
Artikolu 62 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. F'każ ta' nuqqas ta' konformità mal-Artikolu XX tar-Regolament (UE) XX [Politika Komuni tas-Sajd], l-appoġġ imħallas lill-benefiċjarju għandu jiġi rkuprat u applikazzjoni għall-appoġġ sottomessa minn benefiċjarju għandha tkun inammissibbli għal perjodu ta' żmien speċifikat stabbilit skont il-paragrafu 8 ta' dan l-Artikolu, jekk ikun ġie ddeterminat permezz ta' deċiżjoni finali mill-awtorità kompetenti kkonċernata li l-benefiċjarju jkun wettaq frodi.	***imħassar***

Emenda 111

Proposta għal regolament
Artikolu 62 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Fejn iseħħ każ kif elenkat fl-Artikolu XX tar-Regolament (UE) XX [Politika Komuni tas-Sajd] bejn il-perjodu ta' applikazzjoni u l-5 snin wara l-pagament finali, l-appoġġ imħallas lill-benefiċjarju għandu jiġi rkuprat. L-irkupru għandu jkun proporzjonat man-natura, il-gravità, id-durata u r-ripetizzjoni tal-ksur serju jew tar-reati mill-benefiċjarju kkonċernat u l-importanza tal-appoġġ għall-attività ekonomika ta' dak il-benefiċjarju.	***imħassar***

Emenda 112

Proposta għal regolament
Artikolu 62 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi fost l-Istati Membri u l-effettività, il-proporzjonalità u l-effett dissważiv tal-penali msemmija fil-paragrafu 5 u l-irkupri u l-inammissibbiltà msemmija fl-Artikolu XX tar-Regolament UE XX [Politika Komuni tas-Sajd], u fil-paragrafi 6 u 7 ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 86 li jissupplimentaw dan ir-Regolament bi	***imħassar***
(a) regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni u l-kalkolu tal-penali;	
(b) l-identifikazzjoni tal-limitu li jiskatta, u l-perjodu ta' żmien tal-inammissibbiltà kif ukoll l-arranġamenti għall-irkupru tal-appoġġ mogħti, inklużi l-limiti li jiskattawh.	

Emenda 113

Proposta għal regolament
Artikolu 74 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-iżvilupp lokali mmexxi mill-komunità, inkluż LEADER, u inizjattivi oħra mmexxija miċ-ċittadini;	(b) l-iżvilupp lokali mmexxi mill-komunità, inkluż LEADER, ***il-gruppi ta' azzjoni lokali tas-sajd,*** u inizjattivi oħra mmexxija miċ-ċittadini;

Emenda 114

Proposta għal regolament
Artikolu 74 – paragrafu 1 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(g) jippromwovu u jappoġġaw il-kooperazzjoni interġenerazzjonali, inkluża s-suċċessjoni tal-azjendi agrikoli;	(g) jippromwovu u jappoġġaw il-kooperazzjoni interġenerazzjonali, inkluża s-suċċessjoni tal-azjendi agrikoli ***u tal-bastimenti tas-sajd***;

Emenda 115

Proposta għal regolament
Artikolu 75 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-appoġġ għall-iżvilupp territorjali għandu jkun ibbażat fuq strateġiji ta' żvilupp territorjali integrat, inkluż permezz ta' żvilupp lokali mmexxi mill-komunità, iffukat fuq żoni urbani, żoni rurali, gżejjer, żoni kostali, jew kwalunkwe żona territorjali xierqa kif ukoll strateġiji ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti jew ta' tranżizzjoni territorjali ġusta, jew strateġiji għad-dekarbonizzazzjoni żviluppati bl-appoġġ tal-istrumenti tal-Unjoni fil-perjodu mill-2021 sal-2027, b'kont meħud, fejn ikun rilevanti, ta' approċċ funzjonali bbażat fuq iż-żona u l-post. L-istadji importanti u l-miri korrispondenti għandhom jiġu stabbiliti fil-Pjan.	1. L-appoġġ għall-iżvilupp territorjali għandu jkun ibbażat fuq strateġiji ta' żvilupp territorjali integrat, inkluż permezz ta' żvilupp lokali mmexxi mill-komunità, iffukat fuq żoni urbani, żoni rurali, gżejjer, żoni kostali, ***żoni dipendenti fuq is-sajd u l-akkwakultura,*** jew kwalunkwe żona territorjali xierqa kif ukoll strateġiji ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti jew ta' tranżizzjoni territorjali ġusta, jew strateġiji għad-dekarbonizzazzjoni żviluppati bl-appoġġ tal-istrumenti tal-Unjoni fil-perjodu mill-2021 sal-2027, b'kont meħud, fejn ikun rilevanti, ta' approċċ funzjonali bbażat fuq iż-żona u l-post. L-istadji importanti u l-miri korrispondenti għandhom jiġu stabbiliti fil-Pjan.

Emenda 116

Proposta għal regolament
Artikolu 76 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) jiffoka fuq żoni subreġjonali, żoni rurali u kostali;	(a) jiffoka fuq żoni subreġjonali, żoni rurali u kostali***, inklużi l-komunitajiet kostali, insulari u interni dipendenti fuq is-sajd u l-akkwakultura***;

Emenda 117

Proposta għal regolament
Artikolu 85

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
[...]	***imħassar***

Emenda 118

Proposta għal regolament
Anness V – punt 1 – punt 1.5

Test propost mill-Kummissjoni

1,5. Ħarsa ġenerali komprensiva lejn l-appoġġ tal-Pjan għat-territorji elenkati fl-Anness VII, filwaqt li jitqiesu l-ħtiġijiet u l-isfidi speċifiċi tagħhom [2 000]
Referenza: L-Artikolu 22(2), il-punt ***(h)(i)*** u l-Artikolu ***45*** [miżuri għar-reġjuni ultraperiferiċi]

Karatteristiċi reġjonali msemmija fl-Anness VII (il-punti a)-j)	Kapitolu/***i*** ta' Kontribuzzjoni	Kostijiet totali stmati (EUR)	Kontribuzzjoni tal-Unjoni (EUR)	Rata minima tal-kontribuzzjoni nazzjonali	Lista ta' riformi ta' appoġġ (fejn xieraq)
(a) Reġjuni inqas żviluppati	Kapitolu xx	XX	XX	X %	
	Kapitolu xx	XX	XX	X %	
	Subtotal	XX	XX		
(b) Reġjuni fi tranżizzjoni	Kapitolu xx	XX	XX	X %	
	Kapitolu xx	XX	XX	X %	
	Subtotal	XX	XX		
(c) Reġjuni aktar żviluppati	Kapitolu xx	XX	XX	X %	
	Kapitolu xx	XX	XX	X %	
	Subtotal	XX	XX		
(d) Gżejjer u reġjuni Ultraperiferiċi	Kapitolu xx				
	Kapitolu xx				
	Subtotal				

(e) Il-ħtiġijiet u l-isfidi speċifiċi tar-reġjuni tal-fruntiera tal-Lvant (reġjuni NUTS 2 li għandhom fruntieri mar-Russja, il-Belarussja), b'mod partikolari fl-oqsma tas-sigurtà, il-ġestjoni tal-fruntieri u l-iżvilupp ekonomiku.	Kapitolu xx				
	Subtotal				

(f) Il-ħtiġijiet u l-isfidi speċifiċi tar-reġjuni tat-Tramuntana li huma skarsament popolati, li jbatu minn żvantaġġi naturali jew demografiċi severi u permanenti, speċjalment fir-rigward tal-konnettività u l-aċċessibbiltà.	Kapitolu xx				
	Subtotal				

(g) Il-ħtiġijiet u l-isfidi speċifiċi taż-żoni rurali, speċjalment dawk li jbatu minn problemi strutturali bħan-nuqqas ta' opportunitajiet attraenti ta' impjieg, in-nuqqas ta' ħiliet, in-nuqqas ta' investiment fil-broadband u l-konnettività, l-infrastrut	Kapitolu xx				

turi diġitali u infrastrut turi u servizzi essenzjali oħra, kif ukoll l-eżodu taż-żgħażagħ billi jsaħħu n-nisġa soċjoeko nomika f'dawk iż-żoni, b'mod partikolar i permezz tal-ħolqien tal-impjiegi, l-appoġġ għaż-żgħażagħ u t-tiġdid ġenerazzj onali;	Subtotal				

(h) Il-ħtiġijiet u l-isfidi speċifiċi taż-żoni affettwati mit-tranżizzjoni industrijali, speċjalment dawk li qed jiffaċċja w sfidi soċjoekonomiċi serji li jirriżulta w mill-proċessta' tranżizzjoni lejn il-mirital-Unjoni għall-enerġija u l-klima sal-2030 u lejn ekonomija newtrali għall-klima sal-2050;	Kapitolu xx				
	Subtotal				

(i) Il-ħtiġijiet u l-isfidi speċifiċi fiż-żoni urbani (żvilupp urban sostenibbli);	Kapitolu xx				
	Subtotal				
(j) Il-ħtiġijiet u l-isfidi speċifiċi identifikati fl-użu ppjanat ta' investiment territorjali integrat, żvilupp lokali mmexxi mill-komunità jew għodod territorjali oħra inklużi tranżizzjoni ġusta u strateġiji ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti;	Kapitolu xx				
	Subtotal				

Preżentazzjoni tal-miżuri meħtieġa mill-Artikolu 46 [Reġjuni ultraperiferiċi], inkluża

deskrizzjoni tal-azzjonijiet ewlenin previsti, il-gruppi fil-mira appoġġati, u r-riżorsi finanzjarji korrispondenti.

Emenda

1.5. Ħarsa ġenerali komprensiva lejn l-appoġġ tal-Pjan għat-territorji elenkati fl-Anness VII, filwaqt li jitqiesu l-ħtiġijiet u l-isfidi speċifiċi tagħhom [2 000]
Referenza: L-Artikolu 22(2), il-punt ***(f)*** u l-Artikolu ***46*** [miżuri għar-reġjuni ultraperiferiċi]

Karatteristiċi reġjonali msemmija fl-Anness VII (il-punti a)-j)	Kapitolu/ ***Kapitoli*** ta' Kontribuzzjoni	Kostijiet totali stmati (EUR)	Kontribuzzjoni tal-Unjoni (EUR)	Rata minima tal-kontribuzzjoni nazzjonali	Lista ta' riformi ta' appoġġ (fejn xieraq)
(a) Reġjuni inqas żviluppati	Kapitolu xx	XX	XX	X %	
	Kapitolu xx	XX	XX	X %	
	Subtotal	XX	XX		
(b) Reġjuni fi tranżizzjoni	Kapitolu xx	XX	XX	X %	
	Kapitolu xx	XX	XX	X %	
	Subtotal	XX	XX		
(c) Reġjuni aktar żviluppati	Kapitolu xx	XX	XX	X %	
	Kapitolu xx	XX	XX	X %	
	Subtotal	XX	XX		
(d) Gżejjer u reġjuni Ultraperiferiċi	Kapitolu xx				
	Kapitolu xx				
	Subtotal				
(e) Il-ħtiġijiet u l-isfidi speċifiċi tar-reġjuni tal-fruntiera tal-Lvant (reġjuni	Kapitolu xx				

NUTS 2 li għandhom fruntieri mar-Russja u l-Belarussja), b'mod partikolari fl-oqsma tas-sigurtà, il-ġestjoni tal-fruntieri u l-iżvilupp ekonomiku.	Subtotal				
(f) Il-ħtiġijiet u l-isfidi speċifiċi tar-reġjuni tat-Tramuntana li huma skarsament popolati, li jbatu minn żvantaġġi	Kapitolu xx				

naturali jew demografiċi severi u permanenti, speċjalment fir-rigward tal-konnettività u l-aċċessibbiltà.	Subtotal				

(g) Il-ħtiġijiet u l-isfidi speċifiċi taż-żoni rurali, speċjalment dawk li jbatu minn problemi strutturali bħan-nuqqas ta' opportunitajiet attraenti ta' impjieg, in-nuqqas ta' ħiliet, in-nuqqas ta' investiment fil-broadband u l-konnettività, l-infrastrut	Kapitolu xx				

turi diġitali u infrastrut turi u servizzi essenzjali oħra, kif ukoll l-eżodu taż-żgħażagħ billi jsaħħu n-nisġa soċjoeko nomika f'dawk iż-żoni, b'mod partikolar i permezz tal-ħolqien tal-impjiegi, l-appoġġ għaż-żgħażagħ u t-tiġdid ġenerazzj onali;	Subtotal				

(h) Il-ħtiġijiet u l-isfidi speċifiċi taż-żoni affettwati mit-tranżizzjoni industrijali, speċjalment dawk li qed jiffaċċja w sfidi soċjoekonomiċi serji li jirriżulta w mill-proċess ta' tranżizzjoni lejn il-mirital-Unjoni għall-enerġija u l-klima sal-2030 u lejn ekonomija newtrali għall-klima sal-2050;	Kapitolu xx				
	Subtotal				

(ha) Il-ħtiġijiet u l-isfidi speċifiċi fiż-żoni kostali (XXX);	***Kapitolu xx***				
	Subtotal				
(i) Il-ħtiġijiet u l-isfidi speċifiċi fiż-żoni urbani (żvilupp urban sostenibbli);	Kapitolu xx				
	Subtotal				
(j) Il-ħtiġijiet u l-isfidi speċifiċi identifikati fl-użu ppjanat ta' investiment territorjali integrat, żvilupp lokali mmexxi mill-komunità	Kapitolu xx				

jew għodod territorjali oħra inklużi tranżizzjoni ġusta u strateġiji ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti;	Subtotal				

Preżentazzjoni tal-miżuri meħtieġa mill-Artikolu 46 [Reġjuni ultraperiferiċi], inkluża deskrizzjoni tal-azzjonijiet ewlenin previsti, il-gruppi fil-mira appoġġati, u r-riżorsi finanzjarji korrispondenti.

Emenda 119

Proposta għal regolament
Anness V – punt 1 – punt 1.8

Test propost mill-Kummissjoni

1.8. Ħarsa ġenerali komprensiva lejn l-appoġġ tal-Pjan għal produzzjoni b'saħħitha tas-sajd u tal-akkwakultura [2 000]

Referenza: L-Artikolu 22(2), il-punt ***(i)(iii)***

Kategorija ta' attivitajiet	Kapitolu***/i*** ta' Kontribuzzjoni	Kost totali stmat (EUR)	Kontribuzzjoni mill-UE (EUR)	Lista ta' riformi ta' appoġġ (fejn meħtieġ)
(a) Attivitajiet dwar l-implimentazzjoni tal-Politika Komuni tas-Sajd (PKS),	Kapitolu xx	XX	XX	

inkluż ***dwar is-sajd, il-kontroll u l-infurzar,*** il-ġlieda kontra s-sajd IUU u l-ġbir ta' data xjentifika ***għat-teħid ta' deċiżjonijiet ibbażat fuq l-għarfien, it-tiġdid ġenerazzjonali***	Kapitolu xx	XX	XX	
	Subtotal	XX	XX	
(b) Attivitajiet li jappoġġaw il-ħtiġijiet tas-sajd, tal-akkwakultura u tal-komunitajiet kostali u b'mod partikolari tas-sajd kostali fuq skala żgħira	Kapitolu xx			
	Kapitolu xx			
	Subtotal			
(c) Attivitajiet li jikkontribwixxu għas-sostenibbiltà ambjentali, ekonomika u soċjali tal-operazzjonijiet tas-sajd ***u għall-bilanċ bejn il-kapaċità tas-sajd tal-flotot u l-***	Kapitolu xx			
	Kapitolu xx			

opportunitajiet tas-sajd disponibbli.	Subtotal			
(d) ***Attivitajiet stabbiliti fil-Patt Ewropew dwar l-Oċeani dwar il-konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar, ir-restawr tal-bijodiversità tal-baħar, il-ġestjoni tal-attivitajiet tas-sajd u tal-akkwakultura sostenibbli, kif ukoll l-innovazzjoni f'dawn is-setturi, is-sigurtà marittima, l-iżvilupp ta' ekonomija blu kompetittiva u sostenibbli. L-ippjanar tal-ispazju marittimu u l-kooperazzjoni reġjonali***	Kapitolu xx			
	Kapitolu xx			
	Subtotal			

marittima fil-livell tal-baċiri tal-baħar.				
TOTAL		XX	XX	

Emenda

1.8. Ħarsa ġenerali komprensiva lejn l-appoġġ tal-Pjan għal produzzjoni b'saħħitha tas-sajd u tal-akkwakultura [2 000]

Referenza: L-Artikolu 22(2), il-punt ***(b), il-paragrafu 2, il-punt (ga) (ġdid)***

Kategorija ta' attivitajiet	Kapitolu***/Kapitoli*** ta' Kontribuzzjoni	Kost totali stmat (EUR)	Kontribuzzjoni mill-UE (EUR)	Lista ta' riformi ta' appoġġ (fejn meħtieġ)
(a) Attivitajiet dwar l-implimentazzjoni tal-Politika Komuni tas-Sajd (PKS), inkluż ***il-ġbir tad-data, il-miżuri ta' kontroll u infurzar meħtieġa biex l-Istati Membri jissodisfaw l-obbligi tagħhom skont l-acquis applikabbli***	Kapitolu xx	XX	XX	
	Kapitolu xx	XX	XX	
	Subtotal	XX	XX	

tal-Unjoni dwar is-sajd, b'mod partikolari r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 u (KE) Nru 1005/2008, ir-Regolament (UE) 2017/1004 u r-Regolament (UE) Nru 1380/2013, il-ġlieda kontra s-sajd IUU u l-ġbir ta' data xjentifika ***għall-għarfien b'mod komplementari għall-azzjoni tal-UE ffinanzjata mill-Faċilità tal-UE***				

(b) Attivitajiet li jappoġġaw il-ħtiġijiet tas-sajd, tal-akkwakultura u tal-komunitajiet kostali u b'mod partikolari tas-sajd kostali fuq skala żgħira**,** ***attivitajiet li jappoġġaw ir-restawr, il-protezzjoni u l-konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi akkwatiċi, il-bijodiversità u l-ekosistemi akkwatiċi marbuta mal-ħtiġijiet tas-sajd u tal-***	Kapitolu xx			
	Kapitolu xx			

akkwakultura, inkluż il-waqfien temporanju u permanenti, u l-appoġġ għal sfidi speċifiċi bħal dawk ikkawżati minn speċijiet invażivi jew predaturi protetti; l-attivitajiet li jappoġġaw il-Gruppi ta' Azzjoni Lokali tas-Sajd	Subtotal			
(ba) Attivitajiet li jippromwovu t-tiġdid ġenerazzjonali fis-setturi tas-sajd u tal-akkwakultura; inkluż l-ewwel akkwist ta' bastiment tas-sajd, u attivitajiet li jtejbu l-ħiliet tal-ħaddiema, inkluża l-edukazzjoni dwar is-sajd, u t-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-għajxien	***Kapitolu xx***			
	Kapitolu xx			
	Subtotal			

abbord, kif ukoll is-sikurezza abbord.				
(bb) Attivitajiet għad-dekarbonizzazzjoni, it-tiġdid u l-modernizzazzjoni tal-flotta tas-sajd, inkluż fir-rigward tal-abitabbiltà u s-sikurezza	***Kapitolu xx***			
	Kapitolu xx			
	Subtotal			
(c) Attivitajiet li jikkontribwixxu għas-sostenibbiltà ambjentali, ekonomika u soċjali tal-operazzjonijiet tas-sajd***, attivitajiet li jappoġġaw l-innovazzjoni fis-sajd u l-akkwakultura, inkluża l-innovazzjoni għal attivitajiet tas-sajd aktar selettivi, l-innovazzjoni għall-irkaptu tas-***	Kapitolu xx			
	Kapitolu xx			

sajd u l-innovazzjoni għall-konservazzjoni, il-protezzjoni u r-restawr tal-bijodiversità u tal-ekosistemi akkwatiċi	Subtotal			
(d) ***Attivitajiet li jippromwovu l-konsum tal-ħut u li jappoġġaw l-industrija tal-ikel ippreżervat fil-laned u tal-ipproċessar***	Kapitolu xx			
	Kapitolu xx			
	Subtotal			
(da) Appoġġ għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Suq; appoġġ lis-sajjieda jew lill-produtturi tal-akkwakultura għall-kumpens lill-operaturi tas-settur tas-sajd u tal-akkwakultura għall-introjtu mitluf tagħhom, jew għall-	***Kapitolu xx***			
	Kapitolu xx			
	Subtotal			

kostijiet addizzjonali u l-kumpens lill-organizzazzjonijiet tal-produtturi u lill-assoċjazzjonijiet tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi rikonoxxuti li jaħżnu l-prodotti tas-sajd elenkati fl-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 1379/2013, dment li dawk il-prodotti jinħażnu f'konformità mal-Artikoli 30 u 31 ta' dak ir-Regolament				
TOTAL		XX	XX	

Emenda 120

Proposta għal regolament
Anness V – punt 1 – punt 1.8. a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1.8. a. Ħarsa ġenerali komprensiva lejn l-appoġġ tal-Pjan għat-tiġdid ġenerazzjonali f'konformità mal-Artikolu X [tiġdid ġenerazzjonali] tar-Regolament 202X/XXXX [ir-Regolament PKS]

Referenza: L-Artikolu 22(2), il-punt (b), il- paragrafu 2, il-punt (ga) (ġdid) (ii)

Inklużi:

(a) Valutazzjoni tas-sitwazzjoni demografika attwali fis-settur tas-sajd

(b) Identifikazzjoni tal-ostakli għad-dħul għas-sajjieda żgħażagħ u l-inizjattivi u l-miżuri nazzjonali proposti biex jingħelbu l-ostakli

(c) Deskrizzjoni tal-Istarter Pack għas-sajjieda żgħażagħ u s-sinerġiji bejn il-miżuri li jikkontribwixxu għat-tiġdid ġenerazzjonali

Tip ta' miżuri	*Kapitolu/ Kapitoli ta' Kontribuzzjoni*	*Kostijiet totali stmati (EUR)*	*Kontribuzzjoni mill-UE (EUR)*	*Lista ta' riformi ta' appoġġ (fejn meħtieġ)*
a. Stabbiliment ta' sajjieda żgħażagħ	*Kapitolu xx*	*XX*	*XX*	
	Kapitolu xx	*XX*	*XX*	
	Subtotal	*XX*	*XX*	
b. Appoġġ għas-sajjieda fuq skala żgħira	*Kapitolu xx*			
	Subtotal			
c. Appoġġ għall-investiment b'intensità oġħla ta' għajnuna għas-sajjieda żgħażagħ	*Kapitolu xx*			
	Subtotal			
d. Possibbiltajiet ta' finanzjament permezz ta' strumenti finanzjarji	*Kapitolu xx*			
	Subtotal			
e. Appoġġ għal start-ups tas-sajd u tal-akkwakultura	*Kapitolu xx*			
	Subtotal			

f. Interventi ta' kooperazzjoni li jiffaċilitaw il-kooperazzjoni interġenerazzjonali, inkluża s-suċċessjoni tal-bastimenti tas-sajd	***Kapitolu xx***			
	Subtotal			
g. Aċċess għal servizzi ta' konsulenza u programmi ta' taħriġ imfassla għall-ħtiġijiet tas-sajjieda żgħażagħ	***Kapitolu xx***			
	Subtotal			
h. Tipi oħra ta' miżuri li jiżguraw sinerġiji ma' partijiet oħra tal-Pjan SNR	***Kapitolu xx***			
	Subtotal			
TOTAL		***XX***	***XX***	

Emenda 121

Proposta għal regolament
Anness V – punt 1 – punt 1.9

Test propost mill-Kummissjoni

1,9. Ħarsa ġenerali komprensiva lejn l-użu ppjanat tal-iżvilupp territorjali integrat fil-bliet, fiż-żoni urbani u rurali, fl-iżvilupp lokali mmexxi mill-komunità, b'mod partikolari l-LEADER, jew għodod territorjali oħra inklużi tranżizzjoni ġusta, strateġiji ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti u strateġiji għad-dekarbonizzazzjoni żviluppati bl-appoġġ tal-istrumenti tal-Unjoni fil-perjodu 2021-2027 [1 000]

Referenza: L-Artikolu 22(2), il-punt ***(j)***(i)

Użu ppjanat ta' għodod territorjali:	Miżuri
Żvilupp territorjali integrat	[Lista tal-ID tal-miżura u t-titoli]
Żvilupp lokali mmexxi mill-komunità/LEADER	
[għodod territorjali oħra]	

Emenda

1.9. Ħarsa ġenerali komprensiva lejn l-użu ppjanat tal-iżvilupp territorjali integrat fil-bliet, fiż-żoni urbani u rurali, fl-iżvilupp lokali mmexxi mill-komunità, b'mod partikolari l-LEADER ***u l-Gruppi ta' Azzjoni Lokali tas-Sajd***, jew għodod territorjali oħra inklużi tranżizzjoni ġusta, strateġiji ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti u strateġiji għad-dekarbonizzazzjoni żviluppati bl-appoġġ tal-istrumenti tal-Unjoni fil-perjodu 2021-2027 [1

000]

Referenza: L-Artikolu 22(2), il-punt ***(h)***(i)

Użu ppjanat ta' għodod territorjali:	Miżuri
Żvilupp territorjali integrat	[Lista tal-ID tal-miżura u t-titoli]
Żvilupp lokali mmexxi mill-komunità/LEADER***/Gruppi ta' Azzjoni Lokali tas-Sajd***	
[għodod territorjali oħra]	

Emenda 122

Proposta għal regolament
Anness V – punt 1 – punt 1.11 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1.11a Kontribuzzjoni għall-attivitajiet marittimi u l-politika Ewropea dwar l-oċeani

Referenza: L-Artikolu 22(2), il-punt (h)(iiib)

	Miżuri
Attivitajiet relatati mal-politika tal-UE dwar l-oċeani, is-sikurezza marittima u l-iżvilupp ta' ekonomija blu kompetittiva u sostenibbli. L-ippjanar tal-ispazju marittimu u l-kooperazzjoni reġjonali marittima fil-livell tal-baċiri tal-baħar.	***[Lista tal-ID tal-miżura u t-titoli]***

Emenda 123

Proposta għal regolament
Anness VII – paragrafu 1 – punt ha (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ha) Il-ħtiġijiet u l-isfidi speċifiċi taż-żoni kostali;

Emenda 124

Proposta għal regolament
Anness XV – punt 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) tappoġġa l-implimentazzjoni tal-Politika Komuni tas-Sajd, fost l-oħrajn biex tipprovdi pariri xjentifiċi, ġbir ta' data u għarfien għall-finijiet tal-promozzjoni ta' deċiżjonijiet sodi u effiċjenti dwar il-ġestjoni tas-sajd; tiżviluppa u timplimenta s-sistema ta' kontroll tas-sajd tal-UE, tippromwovi oċeani nodfa u b'saħħithom, tiżviluppa u xxerred l-informazzjoni dwar is-suq għall-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura, tippromwovi s-sigurtà u s-sorveljanza marittima;	(e) tappoġġa l-implimentazzjoni tal-Politika Komuni tas-Sajd, fost l-oħrajn biex tipprovdi ***appoġġ suffiċjenti primarjament għal*** pariri xjentifiċi, ġbir ta' data u għarfien għall-finijiet tal-promozzjoni ta' deċiżjonijiet sodi u effiċjenti dwar il-ġestjoni tas-sajd; tiżviluppa u timplimenta s-sistema ta' kontroll tas-sajd tal-UE, tippromwovi oċeani nodfa u b'saħħithom, tiżviluppa u xxerred l-informazzjoni dwar is-suq għall-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura, tippromwovi s-sigurtà u s-sorveljanza marittima***, kif ukoll tipprovdi appoġġ operazzjonali u ta' żvilupp lill-Istati Membri biex jissodisfaw l-obbligi tagħhom tal-kontroll tas-sajd skont ir-Regolament (UE) Nru 2009/1224 u tal-ġbir tad-data dwar is-sajd skont ir-Regolament (UE) 2017/1004***;

Emenda 125

Proposta għal regolament
Anness XV – punt 1 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) tappoġġa l-implimentazzjoni tal-politika dwar l-oċeani, inkluż permezz tal-ippjanar spazjali marittimu, l-istrateġiji tal-baċiri tal-baħar u l-kooperazzjoni reġjonali marittima, l-implimentazzjoni tan-network Ewropew ta' osservazzjoni u data dwar l-oċeani, kif ukoll it-titjib tal-ħiliet u l-litteriżmu dwar l-oċeani, u l-kondiviżjoni ta' data soċjoekonomika u ambjentali dwar l-ekonomija blu sostenibbli, u l-implimentazzjoni tal-politika dwar il-governanza internazzjonali tal-oċeani;	(f) tappoġġa l-implimentazzjoni tal-politika dwar l-oċeani, inkluż permezz tal-ippjanar spazjali marittimu, l-istrateġiji tal-baċiri tal-baħar u l-kooperazzjoni reġjonali ***u transfruntiera*** marittima***, il-ġbir tad-data dwar l-oċeani u tal-baħar***, l-implimentazzjoni tan-network Ewropew ta' osservazzjoni u data dwar l-oċeani, kif ukoll it-titjib tal-ħiliet u l-litteriżmu dwar l-oċeani, u l-kondiviżjoni ta' data soċjoekonomika u ambjentali dwar l-ekonomija blu sostenibbli, u l-implimentazzjoni tal-politika dwar il-governanza internazzjonali tal-oċeani;

Emenda 126

Proposta għal regolament
Anness XV – punt 1 – punt ja (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ja) tappoġġa li Xibka ta' Sikurezza għas-Sajd sabiex jingħata appoġġ lis-setturi tas-sajd u tal-akkwakultura f'każ ta' kriżijiet u eventi eċċezzjonali li jikkawżaw tfixkil sinifikanti tas-swieq u biex jiġu stabbilizzati swieq tas-sajd, tal-akkwakultura u tal-ikel akkwatiku. Ix-Xibka ta' Sikurezza għas-Sajd għandha tipprovdi kumpens lill-operaturi tas-sajd u tal-akkwakultura għall-introjtu mitluf tagħhom, jew għall-kostijiet addizzjonali, kif ukoll tippermetti kumpens lill-organizzazzjonijiet tal-produtturi u lill-assoċjazzjonijiet tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi rikonoxxuti li jaħżnu l-prodotti tas-sajd elenkati fl-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 1379/2013, dment li dawk il-prodotti jinħażnu f'konformità mal-Artikoli 30 u 31 ta' dak ir-Regolament.

Emenda 127

Proposta għal regolament
Anness XIXa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Pakketti finanzjarji nazzjonali minimi tal-PKS
	L-Artikolu 10(2)(a)(IIa) tar-Regolament SNR jalloka ammont ta' mill-anqas EUR 7,29 biljun għall-Politika Komuni tas-Sajd. Dan huwa l-ammont minimu li l-Istati Membri għandhom jallokaw mill-pakkett tal-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali tagħhom biex jappoġġaw xi interventi tal-PKS. L-ammont minimu ta' EUR 7,29 biljun għandu jitqassam lill-Istati Membri b'mod li jiżgura l-ekwità u l-kontinwità

għall-finanzjament tas-settur tas-sajd u tal-akkwakultura. Dan sar billi ġie ddeterminat, għal kull Stat Membru, is-sehem rispettiv tiegħu tal-pakkett totali tal-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura għall-perjodu 2021-2027, u billi ġiet applikata distribuzzjoni pro rata tal-ammont minimu għal kull Stat Membru li tirrifletti dan is-sehem:

l-Awstrija – EUR 9 221 500

il-Belġju – EUR 55 260 000

il-Bulgarija – EUR 116 620 000

il-Kroazja – EUR 334 630 000

Ċipru – EUR 52 590 000

iċ-Ċekja – EUR 41 170 000

id-Danimarka – EUR 275 860 000

l-Estonja – EUR 133 700 000

il-Finlandja – EUR 98 500 000

Franza – EUR 778 570 000

il-Ġermanja – EUR 290 740 000

il-Greċja – EUR 515 900 000

l-Ungerija – EUR 51 750 000

l-Irlanda – EUR 195 390 000

l-Italja – EUR 711 350 000

il-Latvja – EUR 185 110 000

il-Litwanja – EUR 84 000 000

il-Lussemburgu[1a] – EUR –

Malta – EUR 29 960 000

in-Netherlands – EUR 134 440 000

il-Polonja – EUR 703 350 000

il-Portugall – EUR 519 650 000

ir-Rumanija – EUR 223 000 000

is-Slovakkja – EUR 20 900 000

is-Slovenja – EUR 32 850 000

Spanja – EUR 1 538 600 000

l-Iżvezja – EUR 159 100 000

Total: EUR 7 290 000 000

[1a] Il-Lussemburgu għażel li f'dawn l-aħħar tliet perjodi ta' programmazzjoni ma jirċevix appoġġ għall-attivitajiet tas-sajd, tal-akkwakultura u marittimi.

ANNESS: DIKJARAZZJONI TAL-KONTRIBUT

Ir-rapporteur għal opinjoni jiddikjara taħt ir-responsabbiltà esklużiva tiegħu, li fl-opinjoni tiegħu ma inkludiex kontribut mingħand rappreżentanti ta' gruppi ta' interess li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza[1], jew mingħand rappreżentanti ta' awtoritajiet pubbliċi ta' pajjiżi terzi, inklużi l-missjonijiet diplomatiċi u l-ambaxxati tagħhom, li għandhom jiġu elenkati f'dan l-Anness f'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura.

[1] Il-Ftehim Interistituzzjonali tal-20 ta' Mejju 2021 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza (ĠU L 207, 11.6.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_interinstit/2021/611/oj).

PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

Titolu	L-istabbiliment tal-Fond Ewropew għal koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali kif ukoll għall-agrikoltura u l-qasam rurali, għas-sajd u l-affarijiet marittimi, għall-prosperità u għas-sigurtà għall-perjodu 2028–2034		
Referenzi	COM(2025)0565 – C10-0179/2025 – 2025/0240(COD)		
Kumitati responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	BUDG 23.10.2025	REGI 23.10.2025	AGRI 23.10.2025
Opinjoni(jiet) mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	PECH 23.10.2025		
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	André Franqueira Rodrigues 16.1.2026		
Eżami fil-kumitat	17.3.2026	15.4.2026	
Data tal-adozzjoni	15.7.2026		
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: –: 0:	17 0 8	

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET MILL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

17	+
PPE	David Casa, Paulo do Nascimento Cabral, Marco Falcone, Niclas Herbst, Isabelle Le Callennec, Francisco José Millán Mon, Jessica Polfjärd
PfE	Ton Diepeveen, Julie Rechagneux
Renew	Oihane Agirregoitia Martínez, Asger Christensen, Emma Wiesner
S&D	Sakis Arnaoutoglou, Thomas Bajada, André Franqueira Rodrigues, Nicolás González Casares, Eric Sargiacomo

0	-

8	0
ECR	Stephen Nikola Bartulica, Bert-Jan Ruissen, Sander Smit
ESN	Siegbert Frank Droese
PfE	António Tânger Corrêa
The Left	Luke Ming Flanagan, Emma Fourreau
Verts/ALE	Isabella Lövin

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni